

# il-Gżejjer

LULJU 1981

Nru. 104

# SERJE "ĠRAJJA TA' POPLU"

Ktejjeb ieħor fis-serje **'Ġrajja ta' Poplu'** ġie ppublikat mit-Taqsima tat-Tagħrif, Kastilja.

Din il-pubbblikazzjoni bit-titolu **'Il-Ġlieda għall-Għixien'** tkompli fejn ħalliet dik ta' qabilha li kien jisimha **'Il-Ġlieda għall-Helsien'** u turi kif il-Maltin irnexxielhom ibiddlu Malta minn fortizza għall-bażi ta' paċi fil-Mediterran.

Bħal ktejjeb ta' qablu, għalkemm ma jidħolx fid-dettal żejjed, il-ktejjeb **'Il-Ġlieda għall-Għixien'** wara li juri kif Malta dejjem għexet taħt ħakmiet li aktar ħasbu għall-rashom milli ħasbu għall-poplu tagħha juri wkoll kif Malta irnexxielha toħloq politika ġdida biex minn pajjiż imfarrak tibni ekonomija soda li setgħet tgħolli l-livell ta' l-għixien Malti.







Wara li tidħol f'xi dettal dwar il-mixja tal-poplu lejn it-tieni fażi tal-ġlieda għall-għixien, il-pubblikazzjoni turi kif fallew il-pjani kollha ta' qabel dak tal-1973/80, jiġifieri kemm dak tal-Gvern Kolonjali tal-1958/62 kif ukoll dak tal-Gvern Nazzjonalista tal-1962/71 u kif fit-tielet fażi, jiġfieri dik ta' bejn il-1971/80, l-istorja moderna ta' pajjiżna żvolġiet ruħha u għenet biex Malta bil-progress ekonomiku u soċjali li kellha imxiet fit-triq biex issir pajjiż nazzjonalment serju u jitħaddem mill-Maltin għall-Maltin.

*




# Malta Handbook

It-Taqsima tat-Tagħrif issa ppubblikat ukoll il-**Malta Handbook** — Edizzjoni 1981.

Minbarra li jagħti informazzjoni fuq l-Istorja u l-Ġeografija ta' dawn il-Gżejjer, il-Handbook fih tagħrif dwar l-attività Edukattiva, Kulturali u Sportiva: u fih ukoll tagħrif dwar il-progress li sar fl-oqsma tas-Servizzi Soċjali. Il-**Handbook,** li fih ħafna ritratti, jagħti wkoll dettalji u statistika għas-snin 1960/80, fejn juri l-avvanz li sar fl-Iżvilupp Ekonomiku ta' dawn il-Gżejjer. Il-pubblikazzjoni tkopri wkoll suġġetti bħall-Agrikoltura u s-Sajd, Trasport u Servizzi Pubbliċi oħra, u hemm ukoll informazzjoni ferm utili għat-turisti u viżitaturi fil-Gżejjer Maltin.

**Dawn il-pubblikazzjonijiet li semmejna jistgħu jinxtraw mit-Taqsima tat-Tagħrif, Kastilja. Prezz huwa 50 ċenteżmu kull pubblikazzjoni.**




**il-Gżejjer**

LULJU 1981 Nru. 104

Maħruġ
mit-Taqsima tat-Tagħrif,
Kastilja, Malta.

Paġna


| | |
|---|---|
| Dikjarazzjoni dwar in Newtralità | 2 |
| Is-Sea Malta | 3 |
| Il-Fiera Internazzjonali | 5 |
| Is-67 Sessjoni ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-xogħol | 8 |
| Iż-Żjara tal-Ministru ta' l-Industrija u Kummerċ ta' l-Awstralja | 9 |
| Televiżjoni bil-Kulur | 9 |
| Xogħol Karatteristiku tal-Gżira Għawdxija | 10 |
| Mġieba fit-Triq | 11 |
| Fil-Qasam Soċjali | 12 |
| L-Iskejjel tas-Snajja' | 13 |
| L-Industrija Għawdxija ta' l-Inbid | 16 |
| Sport | 17 |
| L-Impjegati tal-Gvern | 19 |
| Hostel għall-Istudenti f'San Lawrenz | 20 |
| Għajnuna mill-Gvern lill-Istituti | 20 |
| Rakkont Għat-Tfal | 21 |
| Il-Proġett tal-Pipeline | 22 |
| Għan-Nisa | 24 |
| Il-Biedja u s-Sajd | 26 |




L-IMSIDA — L-arranġamenti preżenti taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, flimkien mas-sistema ġdida ta' toroq f'dawk l-inħawi neħħew darba għal dejjem il-konġestjonijiet li kien ikun hemm; li kienu ta' inkonvenjent kbir għal kulħadd.

# IN-NEWTRALITÀ TA' MALTA

*F'laqgħa tal-Kabinett miżmuma f'Kastilja fl-14 ta' Mejju, 1981, il-Ministri qablu fuq din l-istqarrija dwar in-Newtralità ta' Malta.*

## DIKJARAZZJONI MILL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA DWAR IN-NEWTRALITÀ TA' MALTA

Il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta

Fidil għad-deċiżjoni tal-Poplu tar-Repubblika ta' Malta li jneħħi l-bażijiet militari barranin kollha wara l-31 ta' Marzu, 1979, u li jagħti kontribut għall-paċi u l-istabbilità fl-inħawi tal-Mediterran billi jibdel il-funzjoni mhux naturali ta' pajjiżu minn fortizza f'ċentru ta' paċi u ta' pont ta' ħbiberija bejn il-Popli ta' l-Ewropa u ta' l-Afrika ta' Fuq:

Konxju mill-kontribut speċjali li r-Repubblika ta' Malta tista' tagħmel għal dak il-għan billi tilbes status ta' newtralità msejjes għal kollox fuq il-prinċipji ta' non-allineament;

Billi jaf bl-appoġġ li l-Istati Ewropej u Għarab ġirien fil-Mediterran jagħtu għall-funzjoni ġdida ta' Malta u għal dak l-istatus tagħha ta' newtralità;

1. Jiddikjara sollennement illi r-Repubblika ta' Malta hija stat newtrali li jrid attivament jilħaq il-paċi, is-sigurtà u l-progress soċjali fost in-nazzjonijiet kollha billi jħaddan politika ta' non-allineament u jirrofta li jipparteċipa f'kull alleanza militari;

2. Jafferma illi dan l-istatus jimplika b'mod partikolari, illi:

(a) l-ebda bażi militari barranija ma titħalla fuq territorju Malti;

(b) l-ebda faċilitajiet militari f'Malta ma jitħallew jiġu wżati minn xi forzi barranin ħlief fuq talba tal-Gvern ta' Malta, u biss fil-każi li ġejjin:

(i) fl-eżerċizzju tal-jedd naturali ta' difiża leġittima f'każ ta' vjolazzjoni armata ta' l-area li fuqha r-Repubblika ta' Malta għandha sovranità, jew biex tieħu miżura jew azzjonijiet deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Għnus Magħquda; jew

(ii) kull meta jkun hemm theddida għas-sovranità, l-indipendenza, in-newtralità, l-unità jew l-integrità territorjali tar-Repubblika ta' Malta;

iżda l-Gvern ta' Malta jgħarraf minnufih bil-miżuri meħuda skond dan il-paragrafu lill-Istati ġirien fil-Mediterran li jkunu għamlu dikjarazzjonijiet simili li aċċettaw din id-Dikjarazzjoni u li jkunu assumew impenji xierqa;

(ċ) minbarra fil-każi msemmija hawn fuq, l-ebda faċilitajiet oħra f'Malta ma jitħallew jintużaw b'tali mod u b'tali miżura li jwasslu għall-preżenza f'Malta ta' konċentrazzjoni ta' forzi barranin;

(d) minbarra fil-każi msemmija hawn fuq, l-ebda personal militari li jkun qed jagħmel, jew jgħin biex jitwettqu, xogħlijiet jew attivitajiet ċivili, u ħlief għadd reġonevoli ta' personal tekniku militari li jgħin fid-difiża tar-Repubblika ta' Malta;

(e) it-tarznari tar-Repubblika ta' Malta jintużaw għal skopijiet kummerċjali ċivili, iżda jistgħu wkoll jintużaw, f'limiti raġonevoli ta' żmien u għadd, għat-tiswija ta' bastimenti militari li jkunu tpoġġew f'qagħda li ma jistgħux jiġġieldu jew għall-bini ta' vapuri; u skond il-prinċipji ta' non-allineament l-imsemmija tarznari jiġu mċaħħda lill-bastimenti militari taż-żewġ superpotenzi;

3. Jittama illi, bi qbil mal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta, l-Istati ġirien fil-Mediterran jagħmlu dikjarazzjoni simili li jaċċettaw din id-Dikjarazzjoni u jassumu dawk l-impenji li jkunu xierqa. Il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta jgħarraf lil kull wieħed minn dawn l-Istati bid-Dikjarazzjonijiet magħmula minn Stati oħra.

# IS-SEA MALTA

**IT-TWAQQIF tas-Sea Malta fl-1974 mela vojt kbir fl-infrastruttura ta' pajjiżna. Għall-ewwel darba Malta għandha linja nazzjonali li bdiet tipprovdi servizzi bil-baħar fejn kien l-aktar meħtieġ u bdiet teżerċita influwenza soda fuq linji barranin li sa dak iż-żmien kienu jiddominaw il-kummerċ Malti u li kienu jimponu żidiet fil-'freight' u 'surcharges' kif jidhrilhom.**




Mill-bidu nett, is-Sea Malta waqqfet servizzi regolari (liner services) fuq dawk ir-rotot fejn l-aktar kien jimxi l-kummerċ Malti; bħal ma huma r-Renju Unit, il-Ġermanja, l-Olanda, il-Belġju u l-Italja.

Is-Sea Malta mill-bidu għarfet l-importanza ta' servizz regolari għall-ġarr ta' 'trailers' bejn Malta u l-Kontinent ta' l-Ewropa sabiex jinqdew aħjar l-esportaturi Maltin li l-biċċa l-kbira tas-swieq tagħhom huma hemmhekk.

Dan is-servizz tant hu mfittex mill-esportaturi Maltin li s-Sea Malta issa qed topera żewġ vapuri li flimkien jagħmlu sitt vjaġġi fil-ġimgħa bejn Malta u Reggio Calabria.

Dwar is-servizzi bejn Malta u l-Ewropa ta' Fuq, is-Sea Malta bħalissa mhix qed topera bil-vapuri tagħha stess. Ir-raġuni hi li din ir-rotta qatt ma kienet kummerċjalment vijabbli; u dan minħabba l-fatt li l-kummerċ bejn Malta u l-Ewropa ta' Fuq hu sbilanċjat fis-sens li vapur jgħabbi 'l isfel biss u 'l fuq jitla' vojt, u, ukoll minħabba l-għoli astronomiku fil-prezz tal-'bunkers' u spejjeż oħra konnessi ma' l-operazzjoni ta' linji regolari. Minkejja dawn id-diffikultajiet, is-Sea Malta żammet dan is-servizz għal xi żmien sakemm stabbiliet ruħha u setgħet tinnegozja aħjar mal-linji barranin.

Ir-riżultat ta' din il-'policy' hu li s-Sea Malta rnexxielha tinnegozja ftehim li jassigura li l-linja nazzjonali Maltija għandha d-dritt li ġġorr sa ħamsin fil-mija (50%) tal-merkanzija li tinġarr bejn dawn il-pajjiżi u Malta.

Is-Sea Malta b'hekk qed iġġorr merkanzija fuq 'Bills of Lading' tagħha fuq vapuri ta' linji oħrajn, kif ukoll għandha d-dritt li meta trid, u meta jkun jaqblilha, terġa' tintroduċi vapuri tagħha stess sabiex iġġorr is-sehem kollu tagħha. **Dan għadu ma sarx għaliex għadu ma jaqbilx kummerċjalment li dan isir u wkoll għax is-servizzi li hemm bħalissa huma frekwenti u adegwati ħafna għall-volum tal-kummerċ bejn Malta u dawn il-pajjiżi.**

Biżżejjed insemmu li mir-Renju Unit hemm mhux anqas minn sitt linji li jaħdmu regolarment għal Malta u hemm ħames linji oħra li bħala membri tal-Konferenza 'UK/MEDITERRANEAN' jistgħu jaħdmu għal Malta iżda mhumiex qegħdin jgħaddu Malta għax jgħidu li fuq Malta diġà hemm wisq linji li qed joperaw.

Miż-żona ta' 'Hamburg/Antwerp' hemm servizz li jinkorpora fih 7 linji u li jipprovdi vapuri regolari u ta' spiss li jlaħħqu tajjeb ħafna mad-domanda li hemm. L-istess fuq l-Italja fejn hemm 6 linji (ħamsa Taljani flimkien mas-Sea Malta) li qed jagħtu servizzi ta' spiss minn bosta portijiet differenti bħal ma huma Genoa, La Spezia, Reggio Calabria, Livorno, Catania, Siracusa, eċċ.

## ● LVANT NOFSANI

L-esportazzjoni minn Malta għal-Lvant Nofsani minn dejjem kienet problema u l-kawża hija li l-volum ta' merkanzija għal dan ir-reġjun mhix kbira biżżejjed li tiġġustifika servizz dirett bejn Malta u l-ħafna portijiet ta' dak ir-reġjun.

Il-linji li għandhom jew kellhom servizz regolari għall-Mediterran ma jibqgħux sejrin dirett il-Lvant Nofsani u għalhekk kull esportazzjoni jkollha ssir permezz ta' trasbord f'xi port fil-Mediterran.

Is-Sea Malta irsistiet ħafna sabiex tiżgura servizz tajjeb għal-Lvant Nofsani u irnexxielha ġġib rati tajbin ħafna permezz ta' Livorno u portijiet oħrajn. Għal dan il-għan is-Sea Malta irnexxielha tikkonvinċi l-linji Taljani li jagħtu tnaqqis ta' 30% fuq ir-rati uffiċjali tal-Konferenza għall-ġarr ta' merkanzija esportata minn Malta permezz ta' xi port Taljan.

## ● IT-TARIFFI

Intqal li l-ftehim ta' tqassim ta' merkanzija li s-Sea Malta għamlet mal-Konferenzi ta' linji barranin ikkawża rati aktar ogħla għall-importaturi u esportaturi Maltin.

Meta wieħed jitkellem fuq 'freight rates' tajjeb li wieħed jifhem sewwa s-sistema ta' 'LINER CONFERENCES' li teżisti d-dinja kollha. It-tariffi ta' konferenzi bħal dawn huma dejjem ogħla minn dawk ta' 'OUTSIDERS' jew **linji tal-baħar opportunisti** li minn żmien għal ieħor jitfaċċaw fuq xi rotta u jibdew inaqqsu r-rati bit-tama li jidħlu fir-rotta.

It-tendenza hi li kif dawn jistabbilixxu ruħhom fuq xi rotta, dawn jew jippruvaw jidħlu membri fil-Konferenza jew inkella jibqgħu barra mill-Konferenza iżda jgħollu t-tariffi tagħhom kważi daqs tal-Konferenza. Iridu jkunu boloh biex iżommu t-tariffi tagħhom xi 30 jew 40 fil-mija taħt dawk tal-Konferenzi. Dan il-pass, bid-diffikultajiet li jeżistu llum fil-qasam tax-'shipping', żgur li jwassal għal suwiċidju kummerċjali bħal ma diġà ġralhom ħafna linji li ippruvaw jbaxxu r-rati biex jirbħu l-merkanzija.

**Ta' min ifakkar li madwar 70% tal-merkanzija lejn Malta diġà kienet qed tinġarr mil-linji tal-Konferenzi minn qabel sar il-ftehim bejnhom u s-Sea Malta. U dan minħabba li ħafna mill-importaturi u l-esportaturi jippreferixxu jħallsu aktar għas-serjetà, kontinwità u effiċjenza li joffru l-linji tal-Konferenzi.**

Jekk wieħed jieħu t-tariffi ta' dawn il-linji bħala bażi, mhux korrett li tgħid li b'kawża tal-ftehim li għamlet is-Sea Malta mal-Konferenzi żdiedu t-tariffi bil-perċentaġġi msemmija. Fil-fatt bis-saħħa tal-ftehim li saru, is-Sea Malta issa għandha s-saħħa li tikkontrolla żidiet fin-nollijiet u 'surcharges' li qabel kienu jiġu imposti arbitrarjament minn dawn il-linji.

Minn mindu sar il-ftehim, is-Sea Malta diġà irreżistiet żieda ta' 10% li l-Konferenza Ingliża għamlet fuq portijiet oħra tal-Mediterran kif ukoll żieda ta' 5% fil-'bunker surcharge'. L-istess ġara fiż-żewġ Konferenzi l-oħra fejn ukoll saru talbiet għal żidiet.

Ta' min isemmi li dawn iż-żidiet saru mill-Konferenzi fuq portijiet oħra minkejja l-fatt li fuq dawn ir-rotot joperaw ukoll 'outsiders'.

In-nollijiet għall-esportazzjoni Maltija għadhom igawdu rati ferm speċjali u favorevoli taħt kull Konferenza. Biżżejjed jingħad li n-nol ta' 'container' minn Malta għar-Renju Unit hu ta' 50% anqas minn nol mir-Renju Unit għal Malta u li kull Konferenza tat u lesta biex tagħti rati speċjali ħafna lill-esportaturi Maltin fejn ikun meħtieġ.

## ● RATI SPEĊJALI

Ta' min isemmi li l-Konferenzi taw rati speċjali ħafna lil xi merkanzija li ngarret b'volum sostanzjali jew li ma kinitx tiflaħ għar-rati tat-tariffa.

**Jista' jkun li xi linji 'outsiders' minn żmien għal żmien jikkwotaw rati daqshekk baxxi għar-raġunijiet li ntqalu aktar 'il fuq. Iżda jkun ħażin li dawn jitqiesu bħala l-livell normali tan-nolijiet ta' merkanzija lejn Malta. Fuq kull rotta l-livell tar-rati huwa dak stabbilit u applikat mill-Konferenza prinċipali li ġġorr il-perċentaġġ kbir ta' merkanzija u jibqa' l-fatt li minn meta saru l-ftehim mas-Sea Malta f'Ottubru 1980 dan il-livell inżamm ikkontrollat minkejja li ġew applikati żidiet sostanzjali fuq portijiet oħra.**

## ● IL-QLIEGĦ TAS-SEA MALTA

Mhux korrett li tgħid li s-Sea Malta qed tagħmilha ta' aġent tal-Conference Lines. Kull linja membru tal-Konferenzi baqgħet iżżomm l-aġenzija li kellha qabel sar il-ftehim mas-Sea Malta.

Il-qliegħ li issa qed tagħmel is-Sea Malta ġej minn numru ta' miżuri li ttieħdu sabiex il-Linja Nazzjonali tieqaf fuq saqajha. Dawn il-miżuri kienu l-qtugħ tas-servizzi (liner services) li ma jagħtux qliegħ u t-tisħiħ ta' servizzi fuq rotot qosra (Malta-Italja), trasbord u 'bunkering'.

## ● MIŻURI TA' ĠID GĦAL MALTA

Jekk wieħed iħares ftit 'il bogħod mill-ewwel jinduna li l-miżuri li ħa l-Gvern ma jistgħux ma jkunux ta' ġid għal Malta.

Fost ir-raġunijiet għal dan ta' min isemmi:

* Fl-istat ta' l-iżvilupp ta' l-ekonomija Maltija, hemm bżonn sew ta' linja nazzjonali tal-baħar u, fuq dan, fortunatament, hemm qbil bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni.
* Il-preżenza ta' linja nazzjonali tnaqqas id-dipendenza fuq linji barranin u tikkontrollahom aħjar tant li issa ma jistgħux isiru żidiet fil-'freight' jew 'surcharges' jekk ma tingħatax ġustifikazzjoni xierqa, u dan jista' jsir biss bil-qbil tas-Sea Malta wara konsultazzjonijiet mal-Gvern.
* Linja nazzjonali li twieldet u bdiet timxi fi żmien ta' taqlib kbir fil-qasam tal-baħar, ma tistax tgħaddi bla għajnuna mill-Gvern. **Is-Sea Malta ma tirċivix sussidji bħal ma jirċievu l-maġġoranza ta' linji nazzjonali oħrajn.** Kull ma tgawdi hi forma ta' protezzjoni kontra l-kompetizzjoni inġusta u sfrenata li kienet ġejja prinċipalment mil-linji tal-Lvant li ma jaħdmux fuq il-kriterju kummerċjali tal-Punent.
* Hu aktar ta' ġid għall-importatur/esportatur Malti li jibbaża fuq nolijiet realistiċi u stabbli u fuq servizzi tal-baħar permanenti, regolari, frekwenti u effiċjenti milli fuq rati li jvarjaw skond iċ-ċirkostanzi u li f'daqqa waħda jista' ma jsibhomx meta jridhom.
* Il-ftehim ta' tqassim ta' merkanzija fuq bażi ugwali (50/50) ser jippermetti lis-Sea Malta tipprogramma aħjar is-servizzi tagħha u li ddaħħal il-vapuri xierqa fuq ir-rotot xierqa meta jkun jaqbel kummerċjalment.

Fl-aħħarnett ta' min ifakkar li t-tendenza internazzjonali fil-qasam tat-trasport bil-baħar hi li jkun hemm aktar enfasi fuq trattati bilaterali sabiex il-ġarr tal-merkanzija jinqasam bejn il-linji tal-pajjiż li qed jimporta u dak li qed jesporta. Aktar u aktar pajjiżi li qed jiżviluppaw qed jinsistu li jiksbu 'sehem' dejjem akbar mill-kummerċ ta' pajjiżhom. Għalhekk kull ma mmorru, kull linja tal-vapuri qed tikkonċentra aktar fuq il-kummerċ ta' pajjiżha stess u dan bħal ma diġà ġara fil-qasam ta' l-ajru fejn it-trasport hu strettament ikkontrollat.

# Il-Fiera Internazzjonali

**IL-FIERA Internazzjonali ta' Malta nfetħet uffiċjalment nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju mill-Ministru tal-Kummerċ, Dr Patrick Holland.**

*

**25 sena**

Il-Fiera kif nafuha llum kellha l-bidu tagħha meta kienet saret għall-ewwel darba fil-Ġonna ta' San Anton fl-1952. Kien mir-raba' darba, fl-1960, li l-Fiera bdiet issir fil-post preżenti fin-Naxxar.

*

**Progress Kbir**

Fid-diskors ta' l-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tal-Fiera ta' din is-sena, il-Ministru Holland fakkar il-progress kbir li sar minn meta l-Fiera kienet saret l-ewwel darba. Il-Ministru sellem lill-pijunieri ta' dik l-ewwel Fiera f'San Anton li kienu huma li kienu ħasbu fil-futur u fil-bżonn ta' Fiera ta' din ix-xorta.

**"Fil-Fiera ta' din is-sena", qal Dr Holland, "qegħdin naraw iżjed u iżjed, sena wara l-oħra, dawk il-prodotti ġodda, dawk l-innovazzjonijiet ta' l-industrija Maltija, flimkien ma' dawk il-prodotti ta' teknoloġija l-aktar moderna importata f'pajjiżna — fi ftit kliem — dak kollu li jagħti ritratt ċar tal-progress li qiegħed isir f'Malta."**

*

**Wirja Permanenti fil-Belt Valletta**

Il-Ministru kompla biex ħabbar li l-Gvern, bl-iskop li jgħin l-industriji, speċjalment fl-esportazzjoni, iddeċieda li l-Auberge d'Aragon fil-Belt tibda sservi ta' post għal wirja permanenti ta' prodotti Maltin.

Dan sar biex taħt saqaf wieħed ikun hemm murija l-prodotti kollha li jsiru Malta u b'hekk, xerrejja barranin isibuha aktar faċli li jagħżlu l-prodotti li jeħtieġu minn Malta.



**Dehra mill-ajru tal-post fin-Naxxar fejn il-Fiera ilha ssir sa mill-1960.**

Dr Holland qal li dan ix-xogħol se jżid ma' l-isforzi li qed isiru bħalissa biex jiġi reklamat il-prodott Malti fis-swieq barranin.

"Kulħadd jaf", qal il-Ministru Holland, "kemm il-Gvern qed jirsisti f'dan ir-rigward. Per eżempju, ftit ġimgħat ilu, bis-saħħa tal-Gvern, sitt ditti Maltin irnexxielhom ibiegħu b'kemm jiswew 5 miljun dollaru affarijiet fl-Iraq."

*

**Uffiċċji Kummerċjali barra minn Malta**

"Biex il-kummerċ ikompli jiżdied", qal Dr Holland, "il-Gvern qed ihejji pjan li jinfetħu uffiċċji kummerċjali f'pajjiżi barranin bil-għan li nikkonsolidaw dak li diġà akkwistajna u anki sabiex insibu triqat ġodda fejn is-settur privat ma rnexxiex ħalli nkabbru s-sehem tagħna f'dawn is-swieq. B'hekk biss Malta tkun tista' tkompli miexja 'l quddiem u l-fabbriki tagħna jkunu jistgħu jikkumbattu l-effetti ħżiena tar-reċessjoni li tat daqqa ta' ħarta lill-ekonomija ta' ħafna pajjiżi madwar id-dinja".

*

**Fieri Barranin**

Il-Ministru tal-Kummerċ fakkar fil-Fieri li dan l-aħħar Malta ippartеċipat fihom f'għadd ta' pajjiżi barranin: "L-aħħar suċċess li kellna kien ġewwa Casablanca fil-Marokk u nit-


We promise you
a warm welcome.
AIRMALTA

tamaw li dalwaqt ikollna suċċessi oħrajn fil-Fieri li ser nipparteċipaw fihom ġewwa l-Alġerija f'Awissu, Berlin f'Settembru li ġej, u ġewwa Baghdad f'Ottubru. Dan ir-riżultat ma nkisibx b'kumbinazzjoni — imma riżultat ta' ħidma kbira li qiegħda ssir kontinwament".

**Dr Holland qal li l-kummerċ bejn Malta u pajjiżi oħra qed jitbiddel il-ħin kollu. "Il-Gvern jagħmel il-parti tiegħu billi jfassal it-triq u jlesti s-sodda għall-industrijalisti Maltin permezz ta' kuntatti politiċi, trattati kummerċjali u parteċipazzjoni f'Fieri barranin. Għal dak li huwa xiri, il-Gvern iddiversifika s-swieq tiegħu biex issa qed jixtri minn kull fejn l-iktar jaqbel.**

"Nieħdu gost illi pajjiżi li magħhom hemm kummerċ regolari, jieħdu parti fil-Fiera tagħna. Din is-sena hawn ir-Repubblika Demokratika tal-Korea, l-Indja, l-Italja, l-Awstrija, l-Ungerija, it-Tuneżija, il-Kuwajt u l-Ġappun. Lil dawn il-pajjiżi li ġew fostna jien nifirħilhom u nawguralhom li l-bdil kummerċjali bejnhom u bejn Malta jkompli jiżdied".

*

**Ftehim ma' l-Isvezja**

Il-Ministru Holland kompla jgħid li bħala eżempju ta' dak li jsir minn naħa tal-Gvern biex jgħin l-esportazzjoni, imma li sfortunatament forsi ħafna nies jieħduha 'for granted', huwa l-ftehim li ntlaħaq dan ix-xahar stess dwar il-kwoti ta' tessuti għall-Isvezja.

"Dan il-pajjiż", qal Dr Holland, "għar-raġunijiet interni tiegħu, huwa ferm iebes fuq il-kontroll tad-dħul ta' tessuti, għaliex irid jipproteġi, kemm jista' jkun, l-industrija tiegħu stess. Għalhekk kull sena, isiru negozjati dwar it-tiġdid tal-ftehim li hemm bejn Malta u l-Isvezja dwar il-livell ta' esportazzjoni ta' tessuti li Malta tkun tista' tibgħat lejn dak il-pajjiż. Bla eċċezzjoni, dawn in-negozjati dejjem ikunu ebsin ħafna, għaliex invarjabbilment, l-Isvezja tfittex illi tnaqqas, u tnaqqas sew, il-kwoti li hemm, u aħna nirreżistu kemm nifilħu.

**Kif ġa tħabbar, din is-sena wkoll kien hemm battalja iebsa, imma għat-tieni darba, f'sentejn, irnexxielna naħsbu għall-ftehim mingħajr l-ebda tnaqqis fil-kwoti li hemm. Bħal ma kien il-każ fl-1979, dan il-ftehim iseħħ għal sentejn u, dan huwa ta' vantaġġ għall-industrijalisti u esportaturi tagħna, għaliex ikollhom aktar żmien biex jipprogrammaw kemm il-produzzjoni kif ukoll l-esportazzjoni tagħhom".**

*

**Prodott Malti Ġenwin**

Il-Ministru Holland għamel enfasi fejn tidħol il-ġenwinità tal-prodott Malti: "Kull ma rrid, kif naħseb irid kulħadd, huwa illi l-prodotti Maltin jagħmlu isem fis-swieq barranin bis-saħħa tat-tjubija tagħhom stess u li l-frażi 'Made in Malta' tkun minnha nfisha garanzija ta' prodott tajjeb u kompetittiv".

Il-Ministru Holland spiċċa d-diskors tiegħu billi awgura lill-esibituri kollha illi jkollhom suċċess kemm waqt il-Fiera u kif ukoll wara, u ta l-'prosit' lill-organizzaturi tal-Fiera tax-xogħol iebes li għamlu u l-ħin li ddedikaw biex bħas-soltu l-Fiera tagħna tagħmel ġieh lil pajjiżna.

*

**Il-Padiljun ta' Malta**

**It-tema tal-Padiljun ta' Malta ta' din il-25 Fiera Internazzjonali kien 'Malta Repubblika Ħielsa'. Il-Padiljun ġie mtella' mit-Taqsima tat-Tagħrif, Kastilja.**

Fil-Padiljun kien hemm għall-wiri ritratti kbar bil-kulur u tagħrif dwar l-akbar proġetti mwettqa mill-Gvern Soċjalista f'dawn l-aħħar għaxar snin kif ukoll xi prodotti li qed jiġu manifatturati fl-industriji parastatali.

B'mod l-aktar prominenti f'nofs il-Padiljun ġie mtella' mudell ta' l-Għolja tal-Ħelsien li hemm fil-Birgu, il-monument nazzjonali li jfakkar it-tluq tal-Forzi Ingliżi minn Malta fil-31 ta' Marzu, 1979, meta Malta saret Repubblika Ħielsa. Dan il-mudell kien mixgħul bi dwal kuluriti u kien l-attrazzjoni prinċipali għal kull min żar il-Padiljun.

F'naħiet oħra tal-Padiljun kien hemm tagħrif permezz ta' ritratti, slides u statistika dwar il-kumpanija nazzjonali ta' l-ajru AirMalta, il-ħidma tat-Task Force u l-bini tat-Tarzna l-Ġdida tal-Marsa.

Fil-Padiljun intwera wkoll film bil-kulur dwar il-ħidma li saret f'dawn l-aħħar għaxar snin biex ingħata wiċċ ġdid lil Malta.

* * *

*Is-Sur Maurice Pace, Direttur, u s-Sur Paul Mifsud, P.P.R.O. tat-Taqsima tat-Tagħrif, Kastilja qegħdin jilqgħu lill-President tar-Repubblika, Dr Anton Buttigieg waqt iż-Żjara li huwa għamel lill-Padiljun ta' Malta fil-Fiera.*



Is-67 Sessjoni ta'

# *L-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol*

**IL-MINISTRU tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali s-Sinjorina Agatha Barbara, nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju indirizzat is-67 sessjoni ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) f'Ġinevra.**



**L-Onor. Agatha Barbara waqt l-indirizz tagħha.**

Fid-diskors tagħha, il-Ministru Barbara wriet li l-progress li sar fil-qasam ekonomiku tul dawn l-aħħar 10 snin ta' Amministrazzjoni Soċjalista jista' jinħass minn kull settur tal-komunità Maltija.

Il-Ministru Barbara, li tkellmet fit-tul fuq id-diversi aspetti u benefiċċji soċjali li saru għall-ġid tal-poplu Malti mill-Gvern Soċjalista, fissret it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiem Malti, speċjalment dak tan-nisa. Issa l-ħaddiema nisa jistgħu jaħdmu anki wara li jiżżewġu, b'benefiċċji speċjali għal waqt it-tqala.

Il-Ministru Barbara fakkret li dawn il-benefiċċji flimkien ma' oħrajn li ta l-Gvern matul dawn l-aħħar snin, komplew ġabu ugwaljanza bejn il-ħaddiema nisa u dawk irġiel — li bdiet minn meta l-pagi saru ndaqs fl-1 ta' April 1976.

Minbarra dan, issa kull ħaddiem Malti, raġel jew mara, hu intitolat għal pensjoni ta' żewġ terzi tal-paga.

Il-Ministru Barbara semmiet ukoll il-ħidma tal-Gvern dwar l-inkapaċitati. Hi qalet li bl-appoġġ ta' għaqdiet u organizzazzjonijiet bħalma hi l-ILO, il-Gvern Soċjalista Malti huwa determinat li jkompli jtejjeb il-faċilitajiet li jgħinu biex l-inkapaċitati jsiru parti integrali sħiħa fis-soċjetà.

Il-Ministru Barbara qalet li qiegħda ssir konsultazzjoni dwar materji tax-xogħol li ultimament jinvolvu l-ekonomija ta' pajjiżna. Il-Bord tax-Xogħol u l-Kunsilli li Jirregolaw il-Pagi u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol huma iffurmati minn numru ndaqs ta' membri indipendenti, li jirrappreżentaw kemm lil min iħaddem u kemm lil ħaddiema. It-'Trade Unions' u l-Organizzazzjonijiet ta' Min Iħaddem qed ikunu ikkonsultati meta tinqala' l-ħtieġa.

Il-Ministru semmiet l-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali. Din il-Liġi hija punt importanti ħafna fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali f'Malta u kienet saret wara konsultazzjonijiet twal ma' l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u ta' min jaħdem.

Fejn għandhom x'jaqsmu l-benefiċċji soċjali, il-Ministru Barbara qalet li l-Gvern minn dejjem kien ħa miżuri stretti biex dawn il-benefiċċji ma jservux ta' disinċentiva għax-xogħol. Hija qalet li kienet ġiet ikkritikata ħafna fil-Parlament meta ressqet liġijiet stretti biex tneħħi l-abbużi li kienu jsiru minn nies li kienu jieqfu mix-xogħol biex jieħdu l-benefiċċju soċjali. U għalkemm miżuri bħal dawn kienu ta' ġid għal min iħaddem, f'dawn l-okkażjonijiet, l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem baqgħet siekta. Dan għaliex uħud minn dawk li jħaddmu huma aktar mehdijin biex jikkritikaw l-Amministrazzjoni Soċjalista milli biex jikkontribwixxu pożittivament lejn il-ksib ta' objettivi komuni.

Dwar l-akkużi, li jgħidu li hemm indħil żejjed mill-Gvern Soċjalista fl-industrija privata, il-Ministru Barbara qalet li l-Gvern kien u għadu jistieden u jinkoraġġixxi investituri privati biex dawn jistabbilixxu intrapriżi kemm privatament jew b'parteċipazzjoni mal-Gvern.

Iżda minħabba li mhux dejjem ir-respons kien sodisfaċenti, il-Gvern ma kellux alternattiva oħra ħlief li jidħol hu u jinvesti flus f'kumpaniji nazzjonali bħalma huma l-Air Malta, is-Sea Malta, l-EneMalta, it-Telemalta u t-Tarzna.

Minbarra dan, fejn l-investiment privat ma wasalx, kellu jidħol il-Gvern biex jissalvagwardja l-ekonomija nazzjonali.

# Iż-Żjara f'Malta tal-Ministru ta' l-Industrija u Kummerċ ta' l-Awstralja

**IL-MINISTRU ta' l-Industrija u Kummerċ tal-Gvern Awstraljan, Sir Philip Lynch, flimkien ma' delegazzjoni Awstraljana, wasal Malta l-Ħadd, 26 ta' Lulju, għal żjara ta' tlett ijiem bħala l-mistieden tal-Gvern Malti. Huwa kellu taħditiet importanti mal-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff.**

Malta għandha sinifikat speċjali għall-Awstralja minħabba li l-komunità Maltija f'dak il-pajjiż hija stmata li tlaħħaq mal-110,000 persuna.

Is-sena li għaddiet Sir Philip kellu taħditiet mal-Ministru Agatha Barbara meta din kienet għamlet żjara fl-Awstralja.

Mal-wasla tiegħu f'Malta, il-Ministru Awstraljan ippreżenta lill-President tar-Repubblika, Dr Anton Buttigieg, rigal sabiħ li ġie mogħti lill-poplu Malti mill-komunità Maltija fl-Awstralja.

Id-delegazzjoni Awstraljana u l-Gvern Malti ħarġu komunikat bejniethom li fih issemma l-messaġġ li l-Prim Ministru Awstraljan Mr Malcolm Fraser bagħat lill-Prim Ministru Malti s-Sur Dom Mintoff, u li fih stiednu biex jattendi għal-laqgħa tal-Kapijiet tal-Gvernijiet tal-Commonwealth li għandha ssir f'Settembru li ġej ġewwa Melbourne.



**Sir Philip Lynch flimkien mal-Prim Ministru Mintoff.**

Fil-komunikat intqal ukoll li s-Sur Mintoff, fil-laqgħa li kellu ma' Sir Philip, wera t-tama li ż-żewġ Gvernijiet ikomplu jibnu relazzjonijiet aktar sodi bejniethom fuq dawk li hemm diġà.

Sadanittant il-Gvern Awstraljan se joħroġ is-somma ta' A$50,000 għall-fond ta' l-UNESCO għar-restawr ta' bini storiku fil-gżejjer Maltin. Din s'issa hi l-akbar kontribuzzjoni li ngħatat lil dan il-fond.

Il-komunikat ikompli jgħid li fit-taħditiet li kellu Sir Philip ġiet diskussa l-koperazzjoni f'għadd ta' oqsma — turiżmu, trasbord u proġetti oħra ta' żvilupp u oħrajn bi sħab bejn iż-żewġ pajjiżi. Suġġetti oħra diskussi kienu dwar xiri bi kwantità ta' prodotti essenzjali, l-esportazzjoni Maltija lejn l-Awstralja, ftehim dwar servizzi ta' l-ajru u ieħor dwar ħelsien mit-taxxa doppja.

Fl-aħħarnett, il-Ministru Awstraljan qal li l-Awstralja kienet se tkompli l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp ta' Malta u li din l-għajnuna mhux se tkun inqas minn dik tas-sena ta' qabel.

# TELEVIŻJONI BIL-KULUR

**NHAR l-Erbgħa, 8 ta' Lulju, 1981, fit-7.45 ta' filgħaxija t-Televiżjoni Maltija bdiet ixxandar uffiċjalment bil-kulur. L-inawgurazzjoni tax-xandir bil-kulur saret mill-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija u Telekomunikazzjonijiet, is-Sur Wistin Abela.**

Iċ-ċerimonja saret quddiem Dar ix-Xandir fi Gwardamanġa fil-preżenza ta' għadd ta' mistednin.

Il-Ministru Abela fisser li dan il-bidu tax-xandir bil-kulur kien pass storiku li għandu l-għan ewlieni li titkattar il-kultura u d-divertiment xieraq fid-djar Maltin u Għawdxin.

Fil-bidu taċ-ċerimonja, is-Sur Toni Pellegrini, Kap ta' Xandir Malta, stieden lis-Sur Armando Seychell, President tal-Korporazzjoni Telemalta, biex jagħmel diskors ta' l-okkażjoni. Is-Sur Seychell qal li l-bidla għal kulur saret fi żmien qasir ta' erba' xhur meta pajjiżi akbar minn Malta kienu ħadu ferm aktar.

Hu radd ħajr lill-Gvern Malti għall-għadd kbir ta' flus li ħareġ biex ix-xandir bil-kulur seta' jseħħ. Huwa iżżaħajr lil dawk kollha li ħadmu bis-sħiħ għal dan il-proġett fosthom il-Ministru Abela nnifsu u anki lis-Sur Avellino, ex-Kap ta' Xandir Malta li sfortunatament miet dan l-aħħar. Is-Sur Seychell wera l-ħajr tiegħu wkoll għall-għajnuna li tat l-UNESCO permezz ta' l-esperti li hi bagħtet f'Malta.

# Xogħol Karatteristiku tal-Gżira Għawdxija



Din it-tfajla mix-Xagħra hija waħda minn bosta tfajliet li f'dawn l-aħħar snin ġiet mgħallma waħda minn bosta snajja' tradizzjonali li reġgħu ngħataw il-ħajja — l-insiġ tas-suf fuq in-newl. It-tagħlim tas-snajja' jsir fl-iskola tas-snajja', fix-Xagħra, Għawdex, li fetħet fl-1978 bil-għan li t-tfajliet Għawdxin jitħarrġu fis-sengħa tal-ħjata, bizzilla, macramè u xogħol tas-suf. Bl-għajnuna tal-għalliema s-snajja' tradizzjonali Għawdxin reġgħu ħadu l-ħajja u llum l-iskola hija, fiha nfisha, wirja permanenti tax-xogħol li jipproduċu t-tfajliet.

Dawn ix-xogħlijiet jinsabu għall-wiri f'Ċentru ta' l-Artiġġjanat f'din l-iskola li fetaħ is-sena li għaddiet fuq inizjattiva personali tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr Philip Muscat. Mhux il-Maltin biss huma kburin bix-xogħol irfinut tat-tfajliet Għawdxin, xogħol li hu karatteristiku tal-gżira Għawdxija, imma l-għadd kbir ta' turisti li matul is-sena skolastika jżuru din l-iskola u jieħdu lura lejn pajjiżhom xogħol l-istudenti.


E. CALLEJA & SONS

AGENTS IMPORTERS & DISTRIBUTORS

of

Electrical & Water Fittings

ecs

241 MSIDA STR., B'KARA

7 FLEUR-DE-LYS RD., B'KARA TEL: 40341—40342

# IMĠIEBA FIT-TRIQ



# L-EWWEL GHAJNUNA FIT-TRIQ

Meta tiġri disgrazzja —

- Ikkontrolla t-traffiku biex **tevita xi inċident (itlob lis-sewwieqa u lin-nies għal għajnuna).**

- Ċaqlaq lill-midrub biss **jekk ikun hemm periklu immedjat ta' ħruq** minħabba petrol imxerred (tpejjipx) jew jekk ma **jistax jiġi skansat il-periklu mit-traffiku.** Meta l-midrub għandu jiġi mċaqlaq ittrattah **b'attenzjoni kbira,** b'mod partikolari jekk ikun hemm suspett ta' għadam miksur jew ikun hemm ilmenti ta' uġigħ fid-dahar.

- **Waqqaf id-demm** b'faxex mhux imxarrba jew b'imkatar indaf u b'għafsa soda ta' l-idejn; infaxxa b'mod sod bil-maktur jew ingravata.

- **Għatti l-partijiet maħruqa b'faxex mhux imxarrba jew maktur nadif u nfaxxa b'maktur jew ingravata. Fittex l-għajnuna immedjatament.** Qabbad lis-sewwieqa u 'l min ikun wieqaf biex jitlob ambulanza, tabib, pulizija..... **Żomm lill-midrub mimdud u sħun.** Uża drappijiet jew coats minn taħt u minn fuq.

- Iċċaqlaqx lill-midrub jekk dan tista' tevitah sakemm jasal fuq il-post min jifhem.

- **Tagħti ebda xorb** — alkohol, te jew xorb ieħor. (Il-midrub jista' jkollu bżonn l-anestesija fl-Isptar).

- **Kun preparat:** Ġorr materjal sempliċi ta' l-ewwel għajnuna fil-karozza teigħek, u **tgħallem l-ewwel għajnuna.**





Quality Shoes
U.B. 33 San Gwann Industrial Estate
San Gwann. Tel: 44641.491292
Shopping Hours
9 a.m. – 3 p.m.



MILL-PJAN TA' ŻVILUPP 1981–1985

# FIL-QASAM SOĊJALI

**ISSA li s-Soċjetà Maltija għandha sistema żviluppata ta' servizzi soċjali b'benefiċċji għall-morda, għall-inkapaċitati, għax-xjuħ, għat-tfal u għall-ommijiet (Welfare State) u li kuħadd għandu aċċess għall-edukazzjoni u servizzi ta' saħħa b'xejn, wasal iż-żmien li l-pajjiż jixħet ħarstu fuq oqsma ġodda u fuq valuri ġodda li fil-ħajja moderna jintużaw biex wieħed ikejjel il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadin.**

Illum, biex wieħed iqis il-progress soċjali ta' pajjiż, jitqiesu affarijiet bħalma huma:

- l-iżvilupp sħiħ tal-personalità ta' l-individwu;
- is-sehem tal-komunità fit-tmexxija tal-pajjiż;
- is-sehem tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol;
- it-tħaris ta' l-ambjent;
- il-ħin liberu;
- l-iżvilupp kulturali;
- il-ħarsien tal-konsumatur; u
- l-aċċess akbar għall-ġustizzja.

Fis-snin li ġejjin, waqt li Malta tkompli issaħħaħ l-infrastruttura soċjali (biex tara li l-iżvilupp ekonomiku u l-progress soċjali jimxu id f'id), jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lil oqsma ġodda biex, permezz t'hekk, **kull Malti jgħix ħajja aktar sħiħa u, waqt li jiżviluppa l-personalità u t-talenti tiegħu, jagħti sehemu wkoll biex il-pajjiż jimxi aktar 'l quddiem.**

## ĠUSTIZZJA SOĊJALI

**Fis-snin li ġejjin, Malta tkompli timxi fuq il-prinċipji ta' ġustizzja soċjali li waqqaf u ħaddem Gvern Soċjalista.** L-għanijiet ewlenin f'dal-qasam huma:

- l-progress materjali tal-poplu kollu **b'enfasi speċjali** fuq dawk il-familji li għadhom bi qliegħ baxx;
- it-tqassim aħjar tar-riżorsi tal-pajjiż biex **min jiflaħ l-aktar jgħin lil min jiflaħ l-inqas;**
- titjib kontinwu tas-sistema ta' benefiċċji soċjali u **l-għoti ta' benefiċċji** lil dawk li minħabba l-qagħda tagħhom jeħtieġu għajnuna mill-Istat biex jieħdu sehemhom mill-progress ekonomiku tal-pajjiż;
- **it-tisħiħ tas-sistema ta' kontribuzzjonijiet għal skemi soċjali nazzjonali** li jwasslu għas-sigurtà ta' l-individwu waqt il-qagħad, il-mard, u x-xjuħija, li wara li ma jħallu lil ħadd jaqa' taħt ċertu livell, jinkuraġġixxu wkoll li jkun hemm kontribuzzjonijiet akbar għal min ikun irid benefiċċji akbar; u
- **stabbilità u armonija soċjali fil-pajjiż.**

## QRATI

Fil-qasam tal-Ġustizzja, wara r-riformi ta' dan l-aħħar, **tiġi msaħħa l-leġislazzjoni fuq aspetti ġodda tal-ħajja Maltija u jiġu aġġornati liġijiet** li saru bosta snin ilu biex jaqdu aħjar is-soċjetà tal-lum. **Il-proċeduri legali jiġu kemm jista' jkun simplifikati** biex titħafef l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-aħjar interess taċ-ċittadin.

## ORDNI SOĊJALI ĠDID

L-ordni soċjali ġdid li waqqafna fis-snin sebgħin jeħtieġ li jkompli jitjieb fis-snin tmenin.

**B'hekk kull individwu jkollu l-opportunità li jgħix ħajja aħjar u li d-drittijiet fundamentali tiegħu jiġu mħarsa.**

Biex dan isir jeħtieġ:

- **li ħadd ma jgawdi privileġġi;**
- **li t-tagħlim, saħħa u servizzi soċjali jibqgħu dejjem miftuħa bi dritt għal kulħadd;**
- **li fil-pajjiż ma jkunx hawn differenzi tant kbar fil-pagi u fil-livell ta' l-għixien tad-diversi gruppi soċjali biex ma nispiċċawx bi grupp jaħkem gruppi oħra jew individwu jsaltan fuq il-komunità kollha.**

Ikun żball kbir jekk wieħed jaħseb li l-kisbiet soċjali tas-snin sebgħin huma biżżejjed. F'dan il-qasam hemm bżonn li, dak li l-poplu kollu ħadem għalih fl-imgħoddi, ma jintilifx, u li jkun hemm titjib kontinwu fil-kondizzjonijiet soċjali fis-snin li ġejjin.

## TQASSIM AĦJAR TAL-QLIEGĦ

L-aħjar mod kif jista' jogħla l-livell ta' l-għixien tal-poplu huwa **permezz ta' żidiet fil-pagi tal-ħaddiema.**

Jeħtieġ iżda, li biex isir dan, **tiżdied il-produttività** biex prodotti u servizzi lokali jibqgħu kompetittivi fi swieq barranin.

Fl-istess ħin, għalkemm id-differenzi fil-pagi ma għandhomx ikunu kbar wisq, **jeħtieġ li min għandu pożizzjoni ta' responsabbilità, xogħol ta' sogru jew xogħol speċjalizzat, jitħallas kif jixraq tal-ħidma tiegħu.**

Fl-istadju ta' l-iżvilupp li l-pajjiż issa wasal fih, min juri inizjattiva u jagħti sehemu biex tikber il-produttività **ħaqqu rikonoxximent aktar.** Dan jista' jservi ta' inċentiv għal ħidma akbar.

**TITJIB MATERJALI GĦALL-FAMILJI MALTIN**

L-avvanzi soċjali tas-snin sebgħin għenu sewwa biex sar progress kbir fil-livell ta' l-għixien tal-familji Maltin.

**Fis-snin li ġejjin jeħtieġ li l-familja Maltija tibqa' tissaħħaħ biex isservi bħala s-sisien tas-soċjetà.**

Dan it-titjib materjali jrid ikompli jiżdied u jilħaq lil kulħadd — lill-ommijiet, lix-xjuħ, liż-żgħażagħ, lill-morda, u lill inkapaċitati. Dawn huma kollha membri tas-Soċjetà Maltija li fis-snin tmenin, trid taħseb għall-ġid ta' kulħadd, bla ebda distinzjoni ta' età, livell ta' edukazzjoni jew twemmin.

□ □ □

# Il-Ħsara tad-Drogi u x-Xorb

**Fuq studji serji li saru fid-dinja kollha, ġie stabbilit li d-DROGI u x-XORB kellhom parti mportanti fil-maġġoranza ta' każi ta' suwiċidji jew delitti.**

- Fuq kollox, meta nafu li l-vjolenza qegħda dejjem tikber fid-dinja, żgur li kulħadd jaqbel li huwa essenzjali li x-xorb u d-drogi għandhom jiġu kkontrollati bil-mezzi kollha possibbli, b'mod li jitnaqqsu minn fostna dawn il-vizzji koroh li ma jġibux għajr mard u diżastru għal dawk l-imsejkna li jkunu nħakmu minnhom.
- **Huwa d-dover ta' kull individwu li b'ebda mod ma jgħin f'xi traffikar jew użu ħażin tad-drogi u għandu jkun hemm koperazzjoni sħiħa mal-Pulizija dwar kull każ li jsir magħruf.**

# L-ISKEJJEL TAS-SNAJJA'

**FL-ISKOLA tas-snajja' ta' Umberto Calosso f'Santa Venera, dan l-aħħar, saret kompetizzjoni ta' prattika fis-sengħa għal studenti li jattendu t-tielet sena fl-iskejjel tas-snajja' ta' Bighi, il-Marsa u Umberto Calosso. Din il-kompetizzjoni, li saret għat-tielet sena konsekuttiva, kienet sponsorjata minn ditti privati bil-għan li l-istudenti fl-iskejjel tas-snajja' jipperfezzjonaw is-sengħa tagħhom.**

Qabel bdiet il-kompetizzjoni l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, it-Tabib Philip Muscat, kellem lill-istudenti. Huwa qal li l-Gvern irid ikompli jgħolli l-livell ta' l-edukazzjoni teknika f'pajjiżna. Wara li kien il-Gvern tal-Ħaddiema li għall-ewwel darba fetaħ l-iskejjel tas-snajja', il-Ministru Muscat qal li mill-1972 'l hawn dawn l-iskejjel ħarrġu lil aktar minn 19,000 ġuvni u 6,000 tfajla fi snajja' differenti li sabu jaħdmu fl-industriji ġodda li fetħu f'dawn l-aħħar snin.

**Illum hawn domanda kbira mill-industriji għall-istudenti li jattendu l-iskejjel tas-snajja' ħaġa li tikkonferma l-livell għoli ta' taħriġ tekniku li jingħataw l-istudenti. Il-Ministru Muscat qal li wara li jtemmu b'suċċess it-tielet sena l-istudenti jistgħu jidħlu fl-Extended Skill Training Scheme. Din is-sena d-dħul f'din l-iskema, li hija fl-istess linja ta' l-iskema apprendist/skular u ħaddiem/student fejn l-istudenti jkollhom tagħlim teoretiku taħriġ prattiku, mistenni jirdoppja.**

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni ħabbar ukoll li l-Gvern se jwaqqaf ċentru ieħor speċjalizzat tas-snajja' fuq l-istrumenti ż-żgħar. Il-bżonn għal dan iċ-ċentru nħass minħabba l-avvanz fit-teknika l-ġdida u biex pajjiżna ma jibqax marbut biss mas-snajja' ta' l-elettriku, welding, plumbing u sheet metal. Dan iċ-ċentru, li se jitwaqqaf bl-għajnuna tal-Gvern Taljan, se jgħin lill-istudenti li diġà jinsabu fl-iskejjel tas-snajja' jipperfezzjonaw f'dawn is-snajja' sofistikati. Illum pajjiżna qed jagħmel progress fid-diversifikazzjoni ta' l-industrija biex ma nibqgħux marbutin ma' industriji li l-produzzjoni tagħhom ma tlaħħaqx mas-swieq internazzjonali. Illum pajjiżna qed jinvesti f'industriji tal-metall li jitolbu snajja' sofistikati, fosthom it-tarzna l-ġdida. Minħabba l-avvanz fit-teknoloġija Malta trid tikkompeti ma' pajjiżi avvanzati b'sistemi ġodda u għalhekk għandna bżonn ħaddiema mħarrġa f'dawn is-snajja'

Wara d-diskors tiegħu l-Ministru dar ma' l-istudenti u ra x-xogħol li kienu qegħdin jagħmlu fil-kompetizzjoni, fosthom fil-welding, marine plumbing, sheet metal, bench fitting, machining, electrical installation u auto mechanics.

# BYPASS PANORAMIKA F'SAN PAWL IL-BAHAR




**KIEN il-Gvern Soċjalista li f'San Pawl il-Baħar wettaq l-akbar proġett tad-drenaġġ li qatt sar f'Malta — proġett li qered darba għal dejjem il-pjaga tal-ħmieġ tal-fosos ifuru f'dan il-post pittoresk.**

**Kien il-Gvern Soċjalista li mbagħad, ftit wara, kesa t-toroq prinċipali kollha bit-tarmak biex ta dehra tassew pulita lil dan il-post tant iffrekwentat mit-turisti.**

Issa, għal darb'oħra, se jkun il-Gvern Soċjalista li se jsolvi l-problema tat-traffiku li qed dejjem jikber u li spiss qed joħloq konġestjoni fit-toroq dojoq ta' San Pawl il-Baħar. Għalhekk bħalissa ħaddiema mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet qed jaħdmu fuq Bypass panoramika li tibda mill-Erba' Mwieżeb, tgħaddi minn wara San Pawl il-Baħar u tispiċċa n-naħa tax-Xemxija. It-triq kollha se tkun ţwila madwar 3 kilometri u wiesgħa 20 metru. In-naħa ta' wara l-West End, it-triq taqsam il-wied permezz ta' pont kif jidher fil-pjanta riprodotta hawnhekk.

**Kien il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant li ħabbar il-bidu ta' dan il-proġett meta kien qed iressaq l-estimi li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-Budget li għadda. Fil-fatt 'surveyors' tad-Dipartiment kienu diġà hejjew ix-xogħol tagħhom skond il-pjanta wara li ġiet studjata u approvata.**

Il-ħtieġa ta' dan il-"bypass" kienet ilha tinħass sa mill-bidu tas-sittinijiet.

Fi żmien iż-żewġ Amministrazzjonijiet Nazzjonalisti kienu saru għadd ta' pjanti iżda x-xogħol qatt ma wasal biex jinbeda.

Tassew li l-art f'dawk in-naħiet hi diffikultuża ferm; b'qiegħ tafli u fissuri fil-blat għaddejjin minn naħa għall-oħra. Infatti anki issa kellhom isiru xi tibdiliet u għandu mnejn ikun hemm lok għal aktar minħabba l-istess diffikultajiet.

Il-Gvern Soċjalista iffaċċja d-diffikultajiet b'determinazzjoni li issa tat bidu għal dan il-proġett utili.



Il-Bypass tibda mill-Erba' Mwieżeb, int u diehel San Pawl il-Baħar .....



.....u tispiċċa n-naħa tax-Xemxija.


**WE SERVICE INDUSTRY...**

**We practically meet all its requirements in FIBREGLASS AND SHEET METAL WORK**

**We also manufacture ........**

All types of Steel Office Furniture; Industrial Machine Stands & Clothes Lockers; Working Tables and Benches; Airconditioning Duct Work; Kitchen Units; Hoods and Canopies; Industrial and Library Shelving; Garage, Store and Factory Doors; Galvanized Steel Doors and Windows; Steel Partitions; Fibreglass Water and Fuel Tanks – 50 to 1,000 gals capacity Speed Boats and Dinghies

**fgp F.G.P. LIMITED**
49, VALLETTA ROAD, LUQA.
TELEPHONE 24181, 25527 CABLES: FIBLAS MALTA

**Specialists in**
- FIBREGLASS
- SHEET METAL JOBBING
- LIGHT ENGINEERING



# L-INDUSTRIJA GĦAWDXIJA TA' L-INBID

**IL-FAMA ta' Għawdex iħaddar bid-dwieli toħodna lura ħafna matul iż-żmenijiet.**

Il-poeta sublimi Omeru, fid-deskrizzjoni li ta tas-saltna tan-Ninfa Calypso, fl-inħawi tar-Ramla l-Ħamra, isemmi wkoll il-ġmiel tad-dwieli li kien hemm f'dan il-post.

Milli jidher, ir-ramel tal-Ramla l-Ħamra baqa' famuż għat-taħwil tad-dwieli għaliex saħansitra fis-sena 1729 insibu lil Gran Mastru Pinto jħawwel f'dan il-post bosta dwieli li kienu jroddu sitt mitt skud fis-sena. Il-poeta Marziale sejjaħ lil Għawdex hieni bid-dwieli u għani fl-inbid **"Et felix vitibus aulon"; Et Baccho fertilis aulon".**

Barra minn dan, għandna x-xhieda ta' l-Istoriku Għawdxi nnifsu li ħalla miktub dan il-kliem: **"L-egħneb jinġabar b'kotra tant kbira li, wara li jkunu ddubbaw in-nies ta' hawn, iż-żejjed jiġi meħud lejn Malta, barra dak li jkun inżamm f'xi djar biex jingħasar għall-inbid."**

Għalhekk nistgħu ngħidu li l-fama li kiseb l-inbid tal-Gżira ta' Calypso hija mibnija fuq tliet fatturi: il-kwalitajiet speċjali tad-dwieli, l-art tajba u għammiela ta' Għawdex u s-sengħa u l-perizja tal-għassara Għawdxin.

Fost id-dwieli karatteristiċi ta' Għawdex ta' minn isemmi r-razza **"Gorbin"** jew **"Gorbina"** jew inkella **"Korbin"**. Hemm id-dielja li tissejjaħ **"Insolja ta' Kelul"** li kien daħħalha fil-Gżira **Dun Ġużepp Buttigieg ta' Kelul.** Niltaqgħu ma' l-**"Iswed tal-Bejqa"**, dielja li ħadet il-laqam tal-bidwi li ħawwilha l-ewwel darba. Nilmħu wkoll dik id-dielja qadima msejjħa **"Żaqq in-Nagħġa"** li f'Malta hija rari. Mhux ta' minn iħalli barra dik ir-razza magħrufa bħala **"denb in-Nagħġa"**. Dawn kollha flimkien għenu mhux ftit biex taw isem tajjeb lill-pruduzzjoni ta' l-inbid fil-Gżira tat-Tliet Għolijiet.

Barra l-kwalitajiet speċjali tad-dwieli, għenet ukoll ħafna lil din l-industrija qadima l-art innifisha tal-Gżira ta' Għawdex. Gżira b'ħamrija fonda u mħallta b'kotra ta' fosfati, għanja bi klima mill-isbaħ, imbewsa, tista' tgħid, dejjem bix-xemx u mfissda kontinwament minn żiffa ħanina u friska ġejja minn fuq il-baħar li jdawwarha dawra mejt. Għawdex ma satax ma jagħtix, matul is-snin, frott ta' l-egħneb mill-aħjar. L-art Għawdxija, b'dawn il-prerogattivi rari u prezzjużi tagħha, tagħti egħneb magħdud bħala egħneb tas-sikkan. Dan ifisser li ma jkunx egħneb mifqugħ bl-ilma, iżda mimli polpa, imlaħħam, sustanzjuż u mimli zokkor bnin. F'dan is-sens, l-egħneb t'Għawdex għandu ħafna minn dak ta' Sirakuża, art qrib sewwa lejna, li l-egħneb tagħha huwa ikkunsidrat ukoll bħala tas-sikkan, egħneb mill-aħjar.

Fl-aħħarnett, din l-industrija mxiet qatigħ 'il quddiem imħabba l-ħila, is-sengħa u l-perizja tal-produtturi Għawdxin ta' l-inbid. Dawn huma nies dutturi ħafna għax-xogħol tagħhom u ġelużi għall-isem tajjeb li minn dejjem kien igawdi l-inbid t'Għawdex. Huma jaqtgħu l-egħneb fl-ewwel ġranet ta' Settembru meta dan il-frott ikun wasal fl-eqqel tas-sajran tiegħu, kif igħid wisq tajjeb il-qawl Malti: **"Ma dħul Settembru sewwa, l-egħneb jimtela ħlewwa".** Allura l-bdiewa, lebsin il-kpiepel tat-tibna, taħt xemx qalila tkisser fuqhom, iġorru l-qfief u l-qratel mgħobbija sax-xfar bil-għeneb għal ġewwa l-imħażen ta' l-inbid fejn kollox ikun lest għall-għasir: il-ġiebja u l-krietel indaf tazza u l-makna ta' l-għasir poġġuta fuq il-ġiebja, mistrieħa fuq żewġ strippi.

Imbagħad l-għassara jibdew ifergħu l-egħneb għal ġo l-apparat ta' l-għasir filwaqt li jdawwru r-rota ta' l-apparat. Il-makna tibda tagħsar il-frott u l-meraq jibda nieżel, bil-mod għal ġewwa l-ġiebja.

Waqt li egħneb ikun qed jingħasar jibdew iħalltu miegħu z-zokkor. Il-magħsur, imħallat maz-zokkor, jitħalla għal xi ħamest ijiem ġewwa l-ġiebja fejn, darbtejn kuljum, irossuh 'l isfel fil-ġiebja biex ma jrabbix il-qrusa. Għeluq il-ħamest ijiem ipoġġu mal-bokka tal-ġiebja vit wiesa' msejjaħ **kannella.** Wara dan, il-magħsur jibda għaddej minn ġol-**kannella** għal ġol-bramel u mill-bramel jitbattal fil-bettiegħa. Il-qxur u ż-żerriegħa li jibqa' fil-ġiebja u li jissejjħu **fosdoq** jitqiegħdu ġewwa speċi ta' **pressa** jew **stringitur** biex dak il-meraq li jkun baqa' fihom jingħasar sewwa. Dan il-meraq, imbagħad, jitħallat ma' l-ieħor. Il-magħsur jibda jissejjaħ inbid ġdid meta jinfetħu l-btieti fil-ġurnata tradizzjonali ta' San Martin.

Dak in-nhar, il-11 ta' Novembru, it-triqat ta' l-irħula t'Għawdex ikunu jfewwħu bi fwieħa li taqsam ħierġa mill-imħażen fejn ikun twieled l-inbid ġdid.

Illum il-ġiurnata, bis-saħħa ta' l-industrija tat-turiżmu li ħadet spinta qawwija f'dawn l-aħħar għaxar snin, l-inbid t'Għawdex sab suq ġdid u li jħalli l-flus. Il-produtturi Għawdxin qegħdin jibbottiljawh b'mod iġjeniku u attraenti. It-turisti, wara li jduquh huma, jirrikmandawh lil sħabhom. L-industrija Għawdxija ta' l-inbid, fidila għat-tradizzjonijiet antiki tagħha baqgħet iżżomm għolja l-kwalità tal-prodott tagħha.

# SPORT

## IĊ-ĊENTRU SPORTIV TAL-MARSA



**FIT-TLIET snin li ċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa ilu jitmexxa mis-Sezzjoni Sport tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, sar żvilupp konsiderevoli. Infatti, minn madwar 600 tifel u tifla li kienu jattendu tliet snin ilu, fi tmiem l-istaġun li għadda l-għadd ta' tfal qabeż l-2,000.**

### Għanijiet

L-għanijiet ewlenin li għalih ġie mwaqqaf iċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa huma diversi. Prinċipalment fosthom insibu l-għan li meta t-tfal ikunu għadhom l-iskola jkunu diġà qed jitħejjew f'xi sport partikolari biex meta jasal iż-żmien li jispiċċaw mill-iskola jkunu jistgħu jistabilixxu posthom f'dak l-isport li jkunu mħarrġa fih u b'hekk ma jilħaqx jintilef l-interess bħal ma kien jiġri fil-passat. Iċ-Ċentru jgħin ukoll fit-trobbija ta' ċittadini fiżikament u moralment b'saħħithom.

### Benefiċċji

**Il-benefiċċji jistgħu jinqassmu fi tnejn. Hemm il-benefiċċji li jiksbu t-tfal li jattendu għat-taħriġ, li jitħarrġu taħt il-gwida ta' 'coaches' kwalifikati u f'każ li jkun hemm xi tfal li jispikkaw, dawn jingħataw attenzjoni akbar b'sessjonijiet aktar spissi minn darba fil-ġimgħa.**

L-għaqdiet infushom, li qed jgħinu fiċ-Ċentru billi jipprovdu l-għalliema u 'coaches', qed jiksbu benefiċċji kbar bill qed ikollhom nukleju ta' żgħażagħ jitrawmu fl-isport favorit tagħhom u b'hekk isibuhom lesti għal meta jilħqu l-età meħtieġa biex jieħdu posthom fl-attivitajiet ewlenin organizzati mill-istess għaqdiet. Infatti, b'riżultat ta' hekk, f'dawn l-aħħar snin rajna diversi għaqdiet sportivi, li sa ftit ilu kienu relattivament żgħar, jikbru konsiderevolment u dan kien dovut prinċipalment għat-taħriġ lil dawn iż-żgħażagħ fiċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa. Kien hemm każi wkoll ta' għaqdiet sportivi li twieldu jew ħadu l-ħajja mill-ġdid proprju miċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa.

### Żvilupp

Fit-tliet snin li ċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa ilu jitmexxa mis-Sezzjoni Sport tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, sar żvilupp konsiderevoli. Infatti, minn madwar 600 tifel u tifla li kienu jattendu tliet snin ilu, fi tmiem l-istaġun li għadda, l-għadd ta' tfal qabeż l-2,000. Barra minn hekk, it-tipi ta' sport mgħallma minn ħamsa telgħu għal 15 u mistennija jkomplu jiżdiedu fis-snin li ġejjin.

**Minħabba dan l-iżvilupp kbir, iċ-Ċentru ma setax jibqa' jorganizza l-attivitajiet tiegħu fil-Marsa biss, u fetaħ ċentri oħra sabiex ilaħħaq man-numru kbir ta' tfal u d-diversi dixxiplini sportivi. Fost dawn nistgħu nsemmu l-gymnasia ta' Kordin, St Andrew's, Ħal Luqa, in-New Lyceum u l-Iskola Sekondarja tal-Ħamrun; il-grounds ta' Kordin; it-tennis courts ta' Kordin, il-Ħamrun u St Andrew's; u faċilitajiet sportivi oħra f'Tignè, l-Università u Ta' Qali.**

### Futur

Il-passat huwa mera tal-futur; u l-progress li sar fit-tliet snin li għaddew huma garanzija għall-futur taċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa, li se

jkompli jaħdem bis-sħiħ biex fis-snin li ġejjin ikompli jikber u jiffjorixxi għall-ġid tal-għaqdiet sportivi Maltin u għal-isport inġenerali f'pajjiżna.

Iż-żgħażagħ li qed jibbenefikaw minn din l-opportunità għaldaqstant għandhom ikomplu jagħmlu użu tajjeb miċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa, li minnu jiddependi ħafna l-futur sportiv ta' Malta.

**DĦUL FIĊ-ĊENTRU SPORTIV TAL-MARSA**

Sadanitant matul dawn il-ġranet fetħu l-applikazzjonijiet għad-dħul ta' tfal minn sitta sa 16-il sena fiċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa għall-istaġun 1981-82. Infatti, matul il-Fiera Internazzjonali ta' Malta bdew jitqassmu l-formoli ta' applikazzjoni mill-Istand tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport fl-istess ħin li ġiet introdotta logħba biex tattira t-tfal sabiex jidħlu fiċ-Ċentru Sportiv.

Din il-logħba kienet tikkonsisti f'mini-basket shooting contest, fejn it-tfal jingħataw l-opportunità li jippruvaw ħames free-shots, u jirbħu tee-shirt taċ-Ċentru Sportiv jekk jippottjaw tlieta. Il-logħba ntlaqgħet tajjeb ħafna u kien hemm konkorrenza kbira għaliha matul il-ħmistax-il ġurnata tal-Fiera, u serviet ukoll biex aktar tfal isiru jafu dwar iċ-Ċentru Sportiv u jinkitbu fih.

**Għal dawk li ma kellhomx l-opportunità jiksbu formola tad-dħul mill-Fiera, il-formoli jistgħu jinkisbu mis-Sezzjoni Sport, Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, Ċentru Sportiv, Marsa, matul il-ħin ta' l-uffiċċju. Dawk li jixtiequ japplikaw għandhom żmien jagħmlu dan sa nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 1981.**

B'kollox hemm 18-il tip ta' sport differenti illi wieħed jista' japplika għalih. Ħadd ma jista' japplika għal aktar minn sport wieħed u dawk it-tfal li kienu diġà qed jattendu ċ-Ċentru Sportiv l-istaġun li għadda jridu xorta waħda japplikaw biex jikonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom għall-istaġun li ġej.

Iċ-Ċentru huwa miftuħ għat-tfal kollha: minn sitt snin 'il fuq jistgħu jattendu għall-ġinnastika; minn tmien snin 'il fuq għall-football; u minn 10 snin 'il fuq fid-dixxiplini l-oħrajn kollha. L-età massima f'kull każ hija ta' 16-il sena.

## * KONFERENZA INTERNAZZJONALI FI SPANJA

Dan l-aħħar delegazzjoni mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport ħadet sehem f'Konferenza Internazzjonali dwar Sport u Rikreazzjoni għat-tfal u ż-żgħażagħ li saret f'Esplugues, qrib Barċellona, fi Spanja. Id-delegazzjoni Maltija kienet immexxija mis-Sur Tony Ghio, Kap tas-Sezzjoni Sport tal-Ministeru, u kienet tinkludi lis-Sinjuri Tony Camilleri u Joe Grech.

**Il-Konferenza, li fiha ħadu sehem delegati minn 14-il pajjiż Ewropew, kienet differenti minn konferenzi oħra fis-sens li kienet ibbażata fuq sistema ta' kors b'teorija u prattika fi sport rikreattiv għat-tfal.**

Uħud mill-pajjiżi li ħadu sehem spjegaw fid-dettal u fil-prattika l-metodi u sistemi wżati minnhom mit-taħriġ ta' sport rikreattiv. Id-delegazzjoni Maltija tat rendikont tax-xogħol li jsir f'Malta f'dan ir-rigward, speċjalment fiċ-Ċentrru Sportiv tal-Marsa u s-sistemi li jintużaw fl-iskejjel.

**Ta' min jinnota illi il-pajjiżi parteċipanti kellhom kummenti favorevoli għas-sistemi wżati fiċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa u kkonfermaw li dawn huma fuq l-istess linji wżati minn ħafna minnhom.**

Il-Kumitat għall-Iżvilupp ta' l-Isport tal-Kunsill ta' l-Ewropa, li kien responsabbli għall-organizzazzjoni ta' dan il-kors, diġà wera l-intenzjoni li jsiru aktar korsijiet ta' din ix-xorta fil-futur fl-istess suġġett u f'suġġetti oħra.

# 'PREMJU IMPENN ŻGĦAŻAGĦ MALTIN'

**IL-MINISTRU tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali, is-Sinjorina Agatha Barbara, waqqfet il-'Premju Impenn Żgħażagħ Maltin'. Dan il-premju ser jibda jingħata kull sena lil dik il-persuna jew għaqda li tiġi meqjusa li tkun tat l-aħjar kontribut għat-titjib tas-Soċjetà Maltija.**

**Biex jagħżel ir-rebbieħ ta' dan il-premju, l-Ministru Barbara ħatret kumitat apposta magħmul mis-Sur Charles Flores, President; is-Sinjorina Marija Camilleri, Segretarja; u s-Sinjuri Martin Vella Haber, Josephine Borg u Dr Joseph Azzopardi bħala membri. Il-ħatra tal-kumitat hija għal tlett snin.**

**Il-Kumitat ser jieħu ħsieb l-organizzazzjoni u jiffissa l-kriterji li fuqhom ser jingħata l-Premju.**

**il-'Premju Impenn Żgħażagħ Maltin' se jikkonsisti fi statwa tal-bronż fuq pedestall li fuqu jitnaqqxu l-ismijiet tar-rebbieħa, sena wara l-oħra. Dan il-premju jinżamm għal sena, iżda r-rebbieħ jingħata replika tal-premju li jżomm għalih. Ir-rebbieħ tal-Premju jingħata wkoll parċmina li turi l-għarfien uffiċċjali tal-premju.**

# L-IMPJEGATI TAL-GVERN

**BI tweġiba għal mistoqsijiet li sarulu fil-Parlament, il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff qal illi kull meta l-Partit Laburista kien fil-Gvern, dejjem mexa fuq il-prinċipju li l-kondizzjonijiet tax-xogħol — pensjoni, 'leave', 'sick leave', eċċ. — ta' l-impjegati tal-Gvern, għandhom, kemm jista' jkun, ikunu xorta għal kulħadd. F'dawn l-aħħar snin wieħed jista' jara li l-Gvern Soċjalista dawn l-għanijiet laħaqhom.**

Kien Gvern Laburista li fl-1949 ta għall-ewwel darba n-nofs ta' nhari tas-sajf mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru lill-ħaddiema industrijali flimkien mal-ħaddiema mhux industrijali — li kien ilhom igawduhom mill-1945 — li aktar tard fl-1950, saru jibdew mis-16 ta' Ġunju u jispiċċaw fit-30 ta' Settembru.

Fl-1977 Gvern Soċjalista kompla jdaħħal l-uniformità fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-Gvern u l-impjegati kollha tal-Gvern ġew intitolati għal erba' ġimgħat 'leave' fis-sena.

Qabel, il-'leave' kien ivarja skond il-grad u t-tul tas-servizz u kien hemm ħaddiema li fil-bidu ta' l-impieg tagħhom ma kellhomx 'vacation leave'. Kien Gvern Soċjalista wkoll li fl-1979 il-ħaddiema kollha tal-Gvern ingħatalhom jumejn 'leave' għal meta jmut xi ħadd tal-familja — 'bereavement leave'. Qabel dan, il-'bereavement leave' ta' ġurnata jew tnejn, skond il-każ, kien jingħata biss lill-ħaddiema industrijali li kellhom anqas minn għoxrin sena servizz.

Ukoll fl-1979, l-impjegati kollha ngħatalhom mill-inqas tliet ġimgħat 'sick leave' b'paga sħiħa. Qabel dik is-sena kien hemm impjegati li ma kellhom l-ebda 'sick leave' b'paga sħiħa.

Parti mill-ħaddiema tal-Gvern igawdu d-dritt għall-pensjoni ta' l-impieg skond l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet li daħlet fis-seħħ fl-1937. Iżda permezz ta' din l-Amministrazzjoni Soċjalista, mis-16 ta' Jannar 1979 'l hawn, il-ħaddiema kollha tal-Gvern, bħal kull ħaddiem ieħor, huma intitolati għal pensjoni ta' żewġ terzi skond il-Liġi tas-Sigurtà Nazzjonali.

Bid-dħul tal-ġimgħa ta' ħamest ijiem fuq 40 siegħa żgur li l-ħafna festi li kienu jaħbtu f'nofs il-ġimgħa kienu qed iħarbtu l-produttività u għaldaqstant il-Gvern Soċjalista ħalla 7 festi pubbliċi mill-14 li kien hemm. Anki hawn il-Gvern Soċjalista ma naqasx li jagħti żieda ta' 2% tal-paga biex jagħmel tajjeb għal dan it-tnaqqis, barra, li kull ħaddiem issa għandu 4 ġimgħat 'leave'.


FOR SERVICE AND SATISFACTION
REFER YOUR GALVANISING REQUIREMENTS
TO
MALTA DRYDOCKS

ENQUIRIES TO:
MARKETING AND SALES MANAGER
NEW BUILDING SECTION
Tel: 822451 822491 (Ext: 308, 500)

GHAWDEX

# Hostel għall-Istudenti f'San Lawrenz



**DIK li qabel kienet skola li tiġbor fiha numru ferm żgħir ta' studenti minn San Lawrenz, Għawdex, issa nbidlet f'Hostel għall-istudenti Maltin u barranin wara xogħol intensiv li sar fiha minn ħaddiema tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.**

Il-Ministeru diġà fetaħ għadd ta' hostels f'Malta fosthom dawk ta' Marsaxlokk, Wied il-Għajn, San Pawl il-Baħar u San Blas biex l-istudenti li jattendu l-iskejjel tal-Gvern mhux biss ikollhom tagħlim teoretiku matul is-sena skolastika, imma waqt il-ħin liberu u l-vaganzi jattendu għall-attivitajiet edukattivi u rikreattivi taħt il-ħarsien tal-għalliema tagħhom.

Il-hostel infetaħ uffiċjalment mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, it-Tabib Philip Muscat. Waqt diskors għall-okkażjoni l-Ministru qal li llum Għawdex għandu wkoll New Lyceum, Skola ta' l-Agrikoltura u dalwaqt ikollu Junior Lyceum. Issa, kompla jgħid il-Ministru, Għawdex se jkollu wkoll hostel li mhux biss se jservi bħala pont bejn Malta u Għawdex imma se jlaqqa' studenti Għawdxin ma' oħrajn mill-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq, biex id-dinja ta' madwarna tifhem li aħna pajjiż li jħobb il-paċi mingħajr l-indħil tas-superpotenzi.

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni kompla jgħid illi l-istudenti Għawdxin gawdew bħall-bqija tat-tfal Maltin. Huma ħadu sehem fil-programm ta' żjarat edukattvi barra minn Malta li beda l-Gvern Soċjalista. Għadd sabiħ żaru pajjiżi Ewropej u Għarab bħat-Tuneżija u l-Italja. Huma qasmu lejn Malta biex ħadu sehem f'Summer Camps f'Wied il-Għajn u San Pawl il-Baħar u attendew għal korsijiet tax-xjenza f'Villa Psaigon. L-istudenti Għawdxin ittieħdu għal żjarat storiċi f'Malta, żjarat edukattivi fil-Port il-Kbir u l-Portijiet l-oħra tal-gżira.

Wara d-diskors tiegħu l-Ministru Muscat kixef lapida ta' tifkira. Saret ukoll preżentazzjoni ta' premjijiet lil dawk l-istudenti li ħadu sehem fil-'Kampanja Għal Aktar Sigar' u lil student Għawdxi li jattendi l-iskola speċjali f'Sannat li rebaħ l-'Anthony Raimondo Prize for Handicapped Children'.

## Is-Sena Internazzjonali ta' l-Inkapaċitati

# Għajnuna mill-Gvern lid-Dar tal-Provvidenza

Il-Ministru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali s-Sinjorina Agatha Barbara ħarġet ordni li permezz tagħha d-Dar tal-Provvidenza fis-Siġġiewi ser tgawdi minn tnaqqis fil-kontijiet ta' l-ilma u tad-dawl elettriku.

Din l-ordni inkludiet lid-Dar tal-Provvidenza ma' bosta istituzzjonijiet tal-Karità oħrajn f'Malta u f'Għawdex li jgawdu minn dan it-tnaqqis.

F'ittra li d-Direttur tad-Dar tal-Provvidenza Monsinjur Azzopardi bagħat lid-Direttur tas-Servizzi Soċjali, huwa radd ħajr lill-Ministru Barbara għall-att ta' karità li hija għamlet ma' l-inkapaċitati li jgħixu fid-djar li huwa jmexxi.

Il-Gvern igħin bi tnaqqis fil-kontijiet ta' l-ilma u tad-dawl elettriku, lil 16-il istitut f'Malta u lil tlieta f'Għawdex.

# IMN'ALLA SEMGĦU MINNHA!



....Baħar u għawm għal kulħadd

**ID-DAR kien hemm rewwixta sħieħa. David jibki fuq is-sodda għax ommu ma ħallitux imur jgħum; Noel baqa' bla kolazzjon għax ma riedx jmur jaqdieha għand Ġanni tal-'grocer' waqt li Joanna kellha l-ixkupa f'idha iżda ma kinetx qed tiknes.**

"Iss x'vaganzi dawn!" qalet it-tifla. "Aħjar qegħdin l-iskola għax hemmhekk ikollna ċans nilagħbu."

"U żgur" żied Noel "U ma jkollniex noqgħodu ħ kju — li ma jispiċċa qatt..... Aħjar ma ġew xejn il-vaganzi.....!"

"Għalfejn ma tridnix immur ngħum għid?" staqsa David b'leħen ta' wieħed iddisprat.

"Qed nara li għamiltu strajk hux sinjuri galantomi!? Imma b'daqshekk m'intomx se tbeżżgħuni.... Skond ma tagħmlu tieħdu.... u kif timxu miegħi nimxi magħkom...."

"U mhux veru!" qalet Joanna "u mela dawn vaganzi?"

"Mhu veru xejn!" kienet pronta weġbitha omma. "intom ħsibtu li għax bdejtu l-vaganzi kulħadd se jibda jagħmel li jrid u joqgħod jitgħażżen.... Il-vaganzi jiġu biex tistrieħu mill-iskola imma mhux biex ma tagħmlu xejn.... jew toqogħdu tiġġerrew l-ħin kollu."

"Ibda biex" kompliet tgħidilhom ommhom, "il-kotba ma rridux nitilquhom għal kollox għax inkella meta jiġi Settembru ssibu li jkunu telquna huma. Issa għandkom ħafna aktar ħin u għalhekk tistgħu taqraw ħafna iżjed. Int l-ewwel wieħed Noel u int David ukoll.... morru l-librerija u ġibu l-kotba ħalli tpattu ta' meta ma taqrawx...."

"It-tieni, mhux għax il-vaganzi se nħallikom tmorru l-baħar bl-addoċċ ma' min ġie ġie. Fhimt sur David?"

"Lanqas li ma kontx naf ngħum...."

"Dak mhux biżżejjed. Għidtlek kemm-il darba li ċerti ħbieb ma nafdahomx.... għax qalli s-sir, li George u l-għaref l-ieħor Gino jħobbu jmorru jgħumu fil-fond u joqgħodu jilagħbu goff fil-baħar."

"Mhux veru....!"

"Eh?! Se tgiddeb lis-sir, issa wkoll? Rakom hu stess!"

"Imma dik darba kienet...."

"Min jagħmel darba jagħmel mitt darba...."

# Il-Proġett tal-Pipeline bejn Malta u Għawdex

*** Parti mill-programm tal-Gvern Soċjalista biex jintlaħaq il-għan għas-soluzzjoni tal-problema ta' l-ilma tal-Gżejjer Maltin.**

F'Ġunju li għadda l-Kumpanija Finlandiża Wiik & Hoglund ingħatat mill-Gvern Malti l-kuntratt għall-provvista u tqegħid f'qiegħ il-baħar ta' pipe għall-ġarr ta' l-ilma bejn Malta u Għawdex.

Il-pipe li huwa twil 3.3 kilometri hu maħsub biex minnu jgħaddu żewġ miljun gallun ilma kuljum. Sadanittant ħaddiema Għawdxin u Maltin għamlu xogħol ta' l-art biex jitlesta x-xogħol ta' trinek u tqegħid ta' pipes fuq Għawdex, Kemmuna u Malta. B'kollox madwar 5.5 kilometri ta' pipes tqiegħdu bejn il-Miżieb u l-Marfa, 2 kilometri fuq Kemmuna u 7.5 kilometri fuq Għawdex.

Il-pipeline bejn Malta u Għawdex se jaħdem fuq sistema msejħa riversibbli, jiġifieri huwa maħsub biex iwassal l-ilma lejn Malta minn Għawdex u minn Malta lejn Għawdex. L-ispiża tal-proġett kollu hija stmata għal madwar £M1.8 miljun, liema somma tinkludi l-provvista u tqegħid tal-pipeline, pumping stations, tħaffir ta' trinek taħt il-baħar, tħaffir ta' trinek fuq l-art u tqegħid ta' pipes, bini ta' ġibjuni, tħaffir ta' boreholes (spieri) ġodda għal produzzjoni ta' l-ilma u xogħlijiet oħra konnessi mal-proġett.

Il-proġett tal-pipeline jagħmel parti mill-programm tal-Gvern Soċjalista biex jintlaħaq il-għan għas-soluzzjoni tal-problema ta' l-ilma tal-Gżejjer Maltin. Il-Gvern Malti ddeċieda li jidħol għal dan il-proġett wara li ra li hemm prospetti tajba għal produzzjoni ta' ilma minn taħt l-art.

Fil-fatt, il-produzzjoni minn ħamsa mit-tmien spieri li tħaffru f'Għawdex diġà qed tlaħħaq mal-200,000 gallun kuljum.

"Allura ma mmurx ngħum?"

"Ma għidtlekx hekk.... Tmur tgħum ma' missierek, jew mas-sir meta jgħidlek jew meta jeħodkom Dun Joe. Il-baħar mhux ta' min jiċċajta miegħu. Ma tiġix sena li ma nisimgħux b'disgrazzja tort tan-nuqqas ta' għaqal jew ta' prużunzjoni....

"Imbagħad hemm ħaġ'oħra." (It-tfal issa kienu qed jisimgħu b'par widnejn daqshiex). "Meta tkunu l-iskola jien ftit li xejn inqabbadkom tagħmlu qadi jew faċendi ħlief ftit nhar ta' Sibt.... Allura issa li ma għandkom x'tagħmlu xejn ma għandkomx tagħtuni daqqa ta' id?

It-tfal ma qalu xejn, iżda fil-qalba ta' qalbhom fehemu li ommhom kellha raġun. U hi ndunat x'kienu qed jaħsbu.

"Ara ħalli ngħidilkom x'nagħmlu.... Ejjew nagħmlu 'time-table' — inqassmu ftit il-ħin flimkien — nagħmlu ftit minn kollox.... Għawm, logħob, qari, quddies, għajnuna d-dar.... minbarra l-Ħadd. Il-Ħadd barra l-quddies noħduh kollu ħin mistrieħ.... intom, mhux jien, għax jien xorta rrid insajjar, anzi aktar mis-soltu. Tridu nippruvawha?"

"Imma ngħumu kuljum?"

"Ara David irraġuna...." kellmitu bil-ħlewwa ommu, "aħna ma noqogħdux ħdejn il-baħar.... irridu mmorru bil-karozza. Jien se ngħid lil missierkom biex jagħmel sagrifiċċju u jeħodkom jekk jista' jkun kuljum, anki jekk ma jkollux aptit. Basta tagħmlu l-ħwejjeġ l-oħra li għidtilkom. Nippruvawha?"

It-tfal ma qalux le. Veru li kontra qalbhom, iżda minħabba f'ommhom ma setgħux jagħmlu mod ieħor. Insomma t-Tnejn marru ferħanin sa Beltissebħ u ġiebu żewġ kotba kull wieħed. Imbagħad bejniethom ftehmu kif se jgħinu fid-dar; ħasil ta' l-art u knis għal Joanna, frix tas-sodod, qadi, ħlas ta' kontijiet tat-telefon, ta' l-ilma, tal-liċenzji, xi tiswija żgħira, żebgħa ta' twieqi u siġġijiet, tindif tal-karozza għal Noel u David.... Baħar u għawm għal kulħadd! U ġelati wkoll.

Is-Sajf malajr gerbeb u meta beda Settembru kulħadd beda jipprepara għall-iskola. Din id-darba t-tlitt aħwa ma kienux imdejjqin bħas-soltu li l-vaganzi kienu se jispiċċaw — forsi għax fis-sajf ma kienux qatgħu mill-kotba għal kollox.

Mela l-ewwel ġurnata ta' l-iskola kif kienu miġburin fil-bitħa, wara li tahom merħba, s-surmast qalilhom li "l-Għaqda Għalliema Ġenituri" kienet iddeċidiet li tagħti tliet premjijiet sbieħ lil dawk it-tfal li fil-fehma ta' l-Għaqda jkunu qattgħu ż-żmien tal-vaganzi tajjeb, mingħajr ma ħlewh.

Hafna kienu it-tfal li daħlu għall-Kompetizzjoni. Iżda l-ġurija qablet li l-aħjar li għaddewhom, mingħajr ma ħlewhom, mingħajr ma ddejqu u waqt li strieħu tassew kienu l-aħwa David, Noel u Joanna Gatt.

Il-premju? Enċiklopedija sabieħa kull wieħed u ikla ta' ħamsa b'xejn f'restorant magħruf.

U b'hekk barra mit-tfal gawdew ukoll ommhom u missierhom.

U kien ħaqqhom, ngħiduha....

# IBŻA' GĦALL-ILMA



QATT TĦALLI VIT IQATTAR

FEJN TISTA' UŻA DEJJEM L-ILMA TAL-BIR

B'DOĊĊA TAĦLI INQAS ILMA MILLI TIMLA BANJU SĦIĦ



TUŻAX IL-'FLUSHING' AKTAR MILLI MEĦTIEĠ

ŻOMM IL-BJAR NODFA BIEX L-ILMA JKUN NADIF



IRRAPORTA MILL-EWWEL ĦSARAT FIL-KANEN TA' L-ILMA

QATT ISSAQQI SIĠAR BL-ILMA TAL-VIT



META TAĦSEL KAROZZA UŻA L-BARMIL MHUX 'PIPE' MAL-VIT

TAĦSILX IDEJK TAĦT VIT MIFTUĦ



TISTA' TUŻA BARMIL ILMA TAL-ĦASIL FLOK 'FLUSHINGS'

NAQQAS L-AMMONT TA' ILMA FIL-'FLUSHING'

L-ILMA TAL-BIR AĦJAR MINN TAL-VIT GĦAT-TISQIJA U L-ĦASIL



**TAHLIX**

Għan-Nisa

# *** L-Indafa

**M**ETA tqis kollox ma' kollox, aħna l-Maltin m'aħniex poplu maħmuġ, speċjalment fejn tidħol il-persuna u fejn jidħlu djarna. Iżda mill-għatba tal-bieb 'il barra **ssib li ftit huma dawk minna li jinkwetaw biex iħarsu l-ambjent, ftit ħafna huma dawk li joqogħdu attenti li ma jħammġux it-toroq u x-xtut tagħna.**

**Kważi ta' kull Sajf id-Dipartiment tas-Saħħa jkollu joħroġ stqarrijiet biex noqogħdu attenti mill-ħmieġ, biex inżommu l-indafa, biex inħarsu l-iġjene, u nagħmlu attenzjoni speċjali li ma niklux frott tal-baħar nej u frott ieħor mhux maħsul.**

**Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħna, u minħabba l-fatt li fis-Sajf jiġu jżuruna gelgul ta' turisti, twissijiet bħal dawn huma tassew flokhom. B'hekk inkunu qegħdin niqgħu wkoll għal xi mard li jista' jiġi f'artna minn band'oħra u ma nħalluhx jagħmel ħerba mis-saħħa tal-poplu tagħna.**




Ħafna drabi l-mard jiġi ikkaġunat u jinfirex mill-konsum ta' ikel kontaminat, inkluż ir-rizzi u l-frott tal-baħar ta' kull xorta, kif ukoll mill-konsum ta' ħaxix li jittiekel nej mingħajr ma jinħasel sewwa. Il-frott jista' wkoll ikun kaġun ta' dan il-mard u għalhekk għandna naħsluh sewwa f'taħlita ta' disinfettant ħafif, bħal parmanganat. L-ilma kontaminat ukoll huwa mezz ta' tixrid ta' infezzjoni.

Għalhekk, minn dan biss, naraw kemm huwa importanti li kulħadd għandu josserva r-regoli ġenerali ta' l-iġjene li għandha x'taqsam mal-persuna. Kulħadd għandu dejjem jaħsel idejh qabel ma jmiss l-ikel, qabel ma jibda jiekol, wara li juża t-toilet u wara li nkunu missejna xi affarijiet li jistgħu jkunu mniġġsa bħal ma hija, ngħidu aħna, il-landa taż-żibel.

Biex nevitaw it-tinġis, irridu naraw li l-ikel ikun imħares sewwa, u sakemm ma nkunux se nipprepa-rawh jew inkella se nikluh, għandna nżommuh fil-'fridge'. Barra minn hekk noqogħdu attenti mit-trab, mid-dubbien u insetti oħra.

**Ma ninsewx li l-indafa hija s-sisien li bihom il-bniedem iżomm f'saħħtu. Il-ħmieġ iġib il-mard — żgur!**

Il-mikrobi jixterdu u jitkattru f'imkejjen mudlama u okkupati, fil-ħmieġ u fit-trab, fl-art, fuq il-ħitan. Dawn l-affarijiet għandhom jinżammu dejjem indaf.

Il-kamra tad-WC għandha tkun nadifa għall-aħħar u l-friskaturi mlaħalħa b'ilma b'disinfettant.

Fuq kollox għandna nħallu kemm jista' jkun ix-xemx u l-arja jidħlu fil-kmamar tad-djar tagħna. Ix-xemx teqred il-mikrobi. L-arja ħażina ġol-kmamar hija l-ħtija li l-mikrobi jissaħħu u joktru. Biex ikun hemm dejjem arja safja hemm bżonn nifthu t-twieqi ta' spiss.

Id-dubbien hu moqżież: iħobb joqgħod fuq oġġetti maħmuġa u minn hemm imur fuq oġġetti ta' l-ikel. Id-dubbien ibejjet l-iktar fl-iskart u fid-demel, u d-demel għandu jinżamm bogħod min-nies fil-waqt li l-laned taż-żibel għandhom ikunu magħluqa bl-għatu, skond ma titlob il-liġi, li wara kollox qiegħda hemm biex tħarsilna saħħitna.

Għandna nużaw kull mezz possibbli biex inwarrbu d-dubbien minn djarna. Però għandna noqogħdu attenti li ma nużawx 'sprays' tad-dubbien kif ġie ġie. L-aħjar mod biex toqtol id-dubbien hu li tagħlaq il-kamra, tneħħi l-ikel li jista' jkun hemm, tisprejja ftit ftit fl-arja, u toħroġ int ukoll għal ftit ħin sakemm l-ispray jagħmel xogħolu u joqtol id-dubbien.

**Qatt m'għandek toqgħod f'kamra li fiha tkun għadek kif użajt 'spray' tad-dubbien. Għax għalkemm dan forsi ma jagħmillekx ħsara — żgur li mhux se jagħmillek ġid. Fuq kollox, qatt ma għandek tuża 'spray' tad-dubbien fejn l-ikel.**

L-ommijiet li jgħożżu lill-familja, jafu x'jiġifieri meta jkollhom mard id-dar, u jekk jaraw triq maħmuġa jew lil xi ħadd qiegħed iħammeġ għandhom imorru jirrappurtaw jew lill-ispettur sanitarju jew inkella lill-pulizija.

Issa wasal iż-żmien li bħal ma għamilna progress f'oqsma oħra, nitgħallmu nżommu l-ambjent tagħna ħieles minn kull tinġis. Aħjar nieħdu l-prekawzjonijiet issa, inkella jiddispjaċina wara.

# TISJIR

## BOEUF EN CROUTE

Magħruf ukoll bħala Beef Wellington jew Ċanga moħmija fl-għaġina, dan huwa dixx famuż u wieħed mill-aktar eleganti fl-haute cuisine.

*Ikollkom bżonn:*

500g għaġina puff;
Kilo u nofs laħam taċ-ċanga (preferibbilment fillet li minnha jrid jitneħħa ħafna mix-xaħam);
magħrfa brandy;
melħ u bżar;
madwar sitt biċċiet bacon;
ftit patè de foie gras;
bajda mħabbta.

*Għaz-Zalza:*

75g butir;
6 basliet żgħar;
600 ml jew żewġ kikkri u nofs stock taċ-ċanga; u
Tazza inbid preferibbilment Madeira.

*Metodu:*

Ixgħel il-forn li t-temperatura tiegħu trid tkun sħuna ħafna 230°C, Gas Mark 8.

Idlek il-laħam bil-brandy, u ħawwar bil-melħ u l-bżar. Agħtti l-wiċċ bil-bacon u poġġi l-laħam fuq rack fuq roasting pan. Poġġi kollox fil-forn u aħmi l-laħam għal 20 minuta jekk il-laħam ma tridux misjur iżżejjed imma ħallih għal għaxar minuti oħra jekk il-laħam tridu misjur tajjeb. Oħroġ il-laħam minn ġol-forn, neħħi l-bacon u ħalli l-laħam jibred f'temperatura normali tal-kamra. Jekk se tuża l-'patè de foie gras' idlek dan mal-laħam. Poġġi l-fjamma tan-nar għal temperatura ta' 200°C, Gas Mark numru 7.

Iftaħ l-għaġina f'rettangolu ta' 45 cm bi 30 cm u 1/2 cm ħoxna. Il-laħam poġġih fuq l-għaġina u dawwar l-għaġina mal-laħam u għalaq l-għaġina qisha envelope iżda qabel xarrab ftit it-truf bl-ilma biex tagħlaq tajjeb.

Oqogħdu attenti li ma tagħlqux l-għaġina issikkata mal-laħam għaliex kif tafu hi u ssir l-għaġina tinxtorob xi ftit. Dan il-laħam fl-għaġina wara poġġih fuq dixx tal-forn (fejn għaqdet l-għaġina għamlu n-naħa t'isfel). Immarka disinn criss-cross fil-wiċċ u idlek il-wiċċ u l-ġnub bi ftit bajda mħabbta. It-trufijiet ta' l-għaġina li jkun baqgħalek użahom biex iżżejjen il-wiċċ. Aħmi għal madwar nofs siegħa jew inkella sakemm l-għaġina tieħu il-lewn kannella dehbi.

Sadanitant għamel iz-zalza. Dewweb tliet kwarti mill-butir f'kazzola. Żid il-basal żgħir u aqlih sakemm jibda jiħmar. Żid l-istokk u madwar nofs kikkra inbid. Ħalli t-taħlita tiftaħ tagħli u ħalliha tagħli għal nofs siegħa jew inkella sakemm tara li l-likwidu nxtorob bin-nofs. Agħddi din iz-zalza minn passatur għal ġo skutella, erġa' itfagħha f'kazzola u meta tiftaħ tagħli miżżilha minn fuq in-nar u żid il-kumplament tal-butir. Ħawwad sakemm idub il-butir u żid il-bqija ta' l-inbid.

Meta l-ħin tas-sajran tal-laħam jgħaddi, itfi l-forn u ħalli l-laħam fil-forn għal kwarta oħra. Meta tiġi biex isservi qatta' l-Boeuf en Croute f'biċċiet irqaq servuti fiz-zalza.

Mill-ingredjenti li tajtkom toħorġu madwar 8 jew 12-il porzjon.

*L-***M.M.U.** *toffrilek*

**PRODOTTI ĠENWINI**

**Hu ħsieb li l-familja tiegħek tieħu l-aħjar**



ĦALIB FRISK
MILK SHAKES
JOGURT
KREMA FRISKA

*Dejjem itlob prodotti ta' l-M.M.U.*



# IL-BIEDJA U S-SAJD

**F'KULL pajjiż il-Biedja u s-Sajd huma żewġ oqsma importanti ħafna għall-għixien tal-poplu u l-iżvilupp ta' l-ekonomija.**

**Fis-snin sittinijiet l-art għammiela f'Malta kienet bdiet tonqos b'rata allarmanti tant illi bejn l-1959 u l-1971 ir-raba' għammiel naqas b'26 fil-mija. Għalhekk fl-1973 il-Gvern Soċjalista ħaseb biex jgħaddi liġi li tiżgura li ma jkunx hemm telf aktar ta' ħamrija. B'hekk il-Gvern naqqas ir-ritmu li bih l-art għammiela kienet qed titħalla tonqos.**

Iżda dan il-Gvern ma waqafx hawn. Il-bidwi kompla jiġi nkoraġġit fix-xogħol iebes tiegħu billi ngħatat spinta lill-infrastruttura fil-qasam agrikolu permezz ta' bini ta' Pitkalija Ċentrali f'Ta' Qali, Biċċerija ġdida fil-Marsa, Kumpless Agrikolu f'Għawdex, Imħażen tal-Friża, flimkien ma' sistemi ġodda ta' esportazzjoni.

Dan kollu sar biex il-prodott tal-bidwi ma jibqax jiġi mormi, imma jġib prezz xieraq, u biex min ħadem jieħu dak li ħaqqu ta' xogħolu.

## PITKALIJA ĊENTRALI

Bħala parti mill-programm għat-tisħiħ ta' l-infrastruttura fil-pjan ta' żvilupp għas-snin 1973-80, il-Gvern kien inkluda l-bini ta' swieq ċentrali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Dan beda jseħħ, bil-ftuħ tal-Pitkalija Ċentrali f'Ta' Qali fl-1975. B'hekk spiċċaw il-pitkaliji imxerdin f'diversi lokalitajiet. Issa mhux biss il-bidwi qed jieħu dak li ħaqqu imma l-mara tad-dar qiegħda tiġi moqdija aħjar billi qiegħda tixtri ħxejjex f'kundizzjoni tajba aktar minn qatt qabel.

**Permezz ta' din il-Pitkalija Ċentrali issa setgħet titħaddem sistema ta' bejgħ effiċjenti li tgħin biex il-prezzijiet ikunu stabbli u li tiżgura li l-bdiewa jkollhom qligħ ġust. Dan kien il-fattur ewlieni taż-żieda qawwija fil-bejgħ tal-ħxejjex u frott.**

## BIĊĊERIJA ĠDIDA

Minħabba li l-livell ta' l-għixien tal-poplu Malti beda jgħola b'ritmu mgħaġġel, il-biċċerija li kienet inbniet mal-mitt sena ilu ma setgħetx tlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-poplu.

**Għalhekk il-Gvern fassal u wettaq pjan biex Malta jkollha biċċerija ġdida li tkun ta' livell sanitarju għoli. Il-qatla issa qiegħda ssir minn impjegati tal-Gvern u b'hekk ġiet imdaħħla sistema ġdida li tiżgura effiċjenza, indafa u serjetà.**

## GĦAWDEX

Il-Gvern bħal ma għamel f'Malta ħa ħsieb sabiex jagħti lill-bdiewa Għawdxin l-istess faċilitajiet li ngħataw lill-bdiewa Maltin. Dawn il-faċilitajiet jinkludu Pitkalija Ċentrali, Biċċerija moderna, Mħażen tal-Friża, u Makna li tipproduċi s-silġ.

**Bis-saħħa ta' dan kollu l-bdiewa u s-sajjieda Għawdxin ingħataw l-għajnuna biex ibiegħu dak li jipproduċu mix-xogħol tagħhom u fl-istess ħin jaħżnu fl-aħjar kondizzjonijiet dak li għal mument jibqa' żejjed.**

# SEHEM XIERAQ MILL-IBĦRA TAGĦNA

Bħal ma għamlu ħafna pajjiżi oħra, l-Gvern Soċjalista ħa ħsieb li jestendi l-ibħra territorjali ta' Malta għal 25 mil f'dak li jirrigwardja s-sajd. Dan sar biex is-sajjieda Maltin u Għawdxin ikollhom sehem xieraq mill-ibħra ta' madwarna.

**Il-Gvern akkwista wkoll numru ta' 'Patrol Boats' biex is-sajjieda, għall-ewwel darba bdew jiġu mħarsa minn sajjieda barranin. Barra minn hekk żdiedu il-pieni għas-sajjieda barranin li jinqabdu fl-ibħra tagħna.**

Il-Gvern ta għajnuna finanzjarja lis-sajjieda permezz ta' għotijiet għal xiri jew modernizzar ta' bastimenti tas-sajd u għal xiri ta' rkaptu. Ġiet mogħtija għajnuna lis-sajjieda permezz ta' self bla imgħax biex tinxtara l-lixka tal-pixxispad. Mill-1973 sa l-1980, 194 sajjieda għamlu użu minn din l-għajnuna u sselfu madwar £M200,000. Minbarrra għajnuna ndividwali lis-sajjieda, il-Gvern ħa ħsieb ukoll li jtejjeb il-faċilitajiet użati mis-sajjieda. Ix-xogħlijiet jinkludu bini u manutenzjoni ta' skalijiet, tħammil ta' bajjiet, tqegħid ta' winċijiet ta' l-elettriku, u l-bini ta' qatgħat fuq il-mollijiet għad-dgħajjes u tnixxif ta' xbieki tas-sajd.

**Il-Gvern fehem li anki b'din l-għajnuna kollha, xorta waħda l-qabda tal-ħut, bis-sajd tradizzjonali biss, ma kinetx biżżejjed għall-bżonnijiet tagħna u għalhekk daħal għall-proġett kbir tas-sajd bit-'trawlers'. Is-sajjieda Maltin ġew mistiedna biex jieħdu sehem attiv f'dan il-proġett. Dan l-iżvilupp fis-sajd huwa importanti ħafna għalina, għax, għal pajjiż żgħir bħal Malta, huwa meħtieġ li s-sajd isir matul is-sena kollha biex ma nibqgħux niddependu biss miż-żewġ staġuni tal-lampuki u tal-pixxispad.**



**Il-Gvern daħal għall-proġett kbir tas-sajd bit-"trawlers".**

Biż-żieda ta' dan it-tip ta' sajd ma' dak tradizzjonali, (li diġà mdorrijin jagħmlu s-sajjieda tagħna), aħna nilħqu l-għan li waqt li nkabbru l-qbid tal ħut matul is-sena kollha, nżidu d-dħul għas-sajjied u nnaqqsu l-importazzjoni ta' affarijiet ta' l-ikel għall-ġid ta' l-ekonomija Maltija.





containing:
Protein 18% plus the oil, fibre, minerals and vitamins essential for healthy birds.

Available from:
**Andrews Feeds (Malta) Ltd.,** Luqa and Marsa and Gozo distributors.

# Jitkellem l-Avukat

**Dawn huma tweġibiet għal każi ġenerali u għalhekk f'kull każ partikulari wieħed għandu jieħu parir legali.**

*Jekk sid jagħti dar b'kiri lil xi ħadd, u l-kerrej juża d-dar billi jitfa' fiha xi affarijiet u mhux għall-abitazzjoni, u jitraskuraha, xi drittijiet għandu s-sid?*

Skond l-artikolu 10A tal-Kap. 109 (Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini) is-sid ikun jista' jitlob lill-Bord tal-Kera l-permess li jieħu lura l-fond mikri, jekk il-kerrej ikun naqas milli jħallas il-kera, jew jonqos minn xi obbligazzjoni, jew ibiddel id-destinazzjoni tal-fond (billi, per eżempju, minn dar jagħmel ħanut, jew maħżen), jew jissulloka l-fond, jew iwellih lil ħaddieħor mingħajr permess tas-sid, jew jekk ikun **għamel ħsara kbira fil-fond.**

* * *

*Meta jkun hemm żball fl-Att tat-Twelid ta' persuna, x'irid isir biex jirranġa ruħu l-iżball?*

Meta jkun hemm żball fl-isem jew fil-kunjom ta' xi ħadd fl-Att tat-Twelid jew fl-Att taż-Żwieġ, min għandu interess irid jitlob li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fil-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili. Din il-Qorti għandha s-setgħa li tordna l-korrezzjoni.

*Hu permess għall-ġirien li jfarfru t-twapet tagħhom għal barra, b'mod li jitfgħu t-trab għat-twieqi ta' l-oħrajn, jew jobbligawhom joqogħdu bit-twieqi magħluqin?*

M'hemmx għalfejn ngħidu li l-liġi ma tippermettix li wieħed jaġixxi b'mod li jikkaġuna ħsara jew inkomodu lil ħaddieħor; u fejn dan isir, jista' jitressaq rapport u tista' ssir kawża kontra l-ħati.

Min-naħa l-oħra, f'każijiet bħal dawn, aħjar li wieħed javviċina lill-ieħor bil-kelma t-tajba, qabel, jew aħjar flok, ma jittieħdu passi legali.

* * *

*Jien noqgħod f'dar mikrija lili £M70 fis-sena. Dejjem ħallast regolari. Issa għadni kif irċevejt ittra uffiċjali fejn is-sid talabni £M120 kera fis-sena. Għandu dritt?*

L-artikolu 15(2) tal-Kap. 109 igħid li meta l-kera jkun iżjed minn £M40 fis-sena, u s-sid ikun għarraf lill-kerrej **b'ittra uffiċjali** li fi ħsiebu jgħollilu, jew jagħmillu xi kondizzjonijiet ġodda, il-kerrej għandu jagħmel rikors fil-Bord tal-Kera fejn jitlob li t-talba tas-sid tiġi miċħuda. Jekk ma jagħmilx dan fiż-żmien stabbilit mil-liġi, it-talba tas-sid titqies li ġiet aċċettata.

* * *

*Il-ġenituri kienu wegħduni somma flus bħala dota. Ili miżżewġa diversi snin, u din id-dota għadha ma ġietx. Xi dritt għandi?*

Il-liġi fl-art.1301(1), tagħtik iddritt li tfittex lill-ġenituri għas-somma mwiegħda, barra milli għandek dritt għall-imgħax ta' l-4% fuq l-istess somma, mill-ġurnata taż-żwieġ. Però tinsiex li din hi kwistjoni mal-ġenituri tiegħek; u fejn jista' jkun mal-ġenituri m'għandniex nittrattaw bil-Qorti. Barra minn hekk, jekk inti tfittex magħhom, huma jistgħu jħalluk agħar minn ħutek fit-testment tagħhom.

* * *

*Jien krejt garage. Is-sid talabni rigal, u jiena ħallast ir-rigal. Billi s-somma li ħallast hi kbira ħafna, nista' nfittex lis-sid għaliha?*

Le, ma tistax! Veru li l-Ordinanza ta' l-1944 tgħid li rigal mogħti bħala 'key money' hu illegali. Imma din il-liġi tgħodd biss għad-djar **ta' abitazzjoni.**

* * *

*Jiena kerrej ta' ħanut li ilu mikri għandi żmien twil. Il-ħanut, sa ftit ilu, kien bazaar; dan l-aħħar biddilt in-negozju u għamiltu Photo Studio. Is-sid, malli sar jaf bil-bidla, kitibli biex nerġa' nagħtih il-ħanut u qalli li, jekk ma nagħmilx hekk, ifittixni bil-Qorti talli jiena biddilt id-destinazzjoni tal-fond mikri lili. X'nista' nagħmel?*

Jekk tiġi biex tmorru l-Qorti, il-kwistjoni prinċipali tkun, probabilment, jekk hux veru jew le li int biddilt id-destinazzjoni tal-fond meta biddilt minn bazaar għal Photo Studio.

Jekk meta krejt il-fond, inti ħadtu bħala bazaar, espressament, u fl-irċevuti l-fond kien jissemma 'bazaar', allura m'hemmx dubju li inti biddilt id-destinazzjoni tal-fond, u s-sid għandu mnejn joħodulek; imma jekk inti ħadt b'kiri l-fond bħala sempliċi 'ħanut', jiġifieri fond li jiġi użat għal skop kummerċjali, mhux determinat, inti stajt tbiddel in-negozju, mingħajr ma ksirt ebda liġi, għax il-fond 'ħanut' kien u 'ħanut' baqa'.

Dan il-prinċipju ġie miżmum mill-Qorti ta' l-Appell f'sentenza mogħtija fit-30 ta' April 1971.

* * *

*Waħda tiġi minni ġiet biex temigra. Qabel telqet talbitni biex inżommilha tagħmira sabiħa ta' oġġetti taddeheb u ħaġar prezzjuż; u wegħditni, quddiem membri tal-familja, li meta tiġi lura, jekk issib kollox sewwa, hi tħallasni bit-tant fix-xahar għal kemm inkun ħadtilha ħsieb iddeheb. Issa ġiet lura wara ħafna snin. Urejtha d-deheb u sabitu sewwa; imma meta tlabtha l-ħlas li kienet wegħditni, qaltli li hi ma hi obbligata tħallas xejn. X'nista' nagħmel?*

Tikkonfondix. Il-liġi miegħek. Infatti, skond l-artikolu 2021 tal-Kodiċi Ċivili, inti tista' żżomm f'idejk id-deheb sa kemm titħallas għal kollox.

# DREAMPAEDIC
HEALTH MATTRESS



# DREAMLAND
FOLDING CHAIR





# DREAMLAND
GARDEN FURNITURE



# DREAMLAND
UPHOLSTERY

GUARANTEED

# DREAMLAND
## BEDDING CO. LTD.

**FACTORY:-**
**ST. LAWRENCE STREET,**
**B'KARA, MALTA.**
**TEL: 40345**

**SHOWROOM:-**
**397, FLEUR DE LYS RD.,**
**B'KARA, MALTA**
**TEL: 40345**

# Użu tajjeb mis-servizzi tal-Mid-Med Bank jagħmel il-ħajja iżjed faċli

Meta tagħraf tuża tajjeb is-servizzi li joffrilek il-Mid-Med Bank il-ħajja ssir iżjed faċli.

Meta tiftaħ kont kurrenti li permezz tiegħu tkun tista' tħallas biċ-ċekk, issib li qed isserraħ rasek li flusek jinsabu fis-sod, filwaqt li tevita ħafna ġiri u taħbit.

Issib ukoll li mhux diffiċli li tagħmel arranġamenti biex tissellef flus għal ħtiġijiet li jistgħu jinqalgħu.

Bħalma hemm ħafna servizzi utli għal kulmin għandu jew qed jippjana li jkollu xi negozju.

Fuq kollox, il-Managers tal-Mid-Med Bank huma mħarrġin biex jgħinuk b'pariri li tkun tinħtieġ.

**Mid-Med Bank**

**Uffiċċju Prinċipali: 233 Triq ir-Repubblika, Valletta.**
**Tel: 625281. 38 Fergħa f'Malta u Għawdex.**

Mid-Med Bank
*il-bank tiegħek*


Stamperija tal-Gvern